# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

Nu. 48 - **SETTEMBRU 2018**

disinn hilaryspiteri.com

## werrej


L-Editorjal 2

L-Aħbarijiet 3

Reazzjonijiet 7

L-Intervist: Rita Azzopardi 9

L-Intervista: Maria Grech Ganado 11

Rakkonti u kitbiet oħra 13

Anniversarju Mons. Luigi Vella 21

Reċensjonijiet varji 23

Anniversarju Patri Mattew Sultana 29

Reċensjonijiet poeti barranin 30

Il-Poeżiji 32

Versi lil hinn minn xtutna 35

Minn fuq l-ixkaffa 37









Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

Il-PONT issa dieħel fis-seba' sena tiegħu! 48 ħarġa f'sitt snin m'humiex ftit! U kemm kitbiet, kotba u kontributuri differenti matul dawn is-snin! Sa mill-bidu IL-PONT kien, u għadu, rivista letterarja *online* bil-għan li tagħti spazju lil dawk kollha li għandhom x'joffru fil-qasam letterarju. Id-differenza hi li IL-PONT jagħti spazju l-ewwel lil dawk li ma ġewx mogħtija attenzjoni f'kuntesti oħrajn. U dan fi żmien meta l-paġni letterarji naqsu qatigħ; fi żmien meta ċerti edituri letterarji draw jinkludu biss ċerti ismijiet jew djar tal-pubblikazzjoni filwaqt li warrbu darba għal dejjem ismijiet oħrajn anki jekk validi; fi żmien meta anki l-ftit rivisti (rivisti?) letterarji jew akkademiċi li fadal saru jiffukaw fuq ċerti ismijiet filwaqt li jagħtu l-ġenb għal aktar minn darba ismijiet oħrajn. Hawn, min iħabbat il-bieb ta' IL-PONT jinfetaħlu u ta' dan huma xhud it-48 ħarġa li raw id-dawl sa minn Ottubru 2012.

IL-PONT beda bħala rivista *online* ta' 8 paġni li toħroġ kull xahar, biex aktar tard bdiet toħroġ erba' darbiet fis-sena, imma n-numru tal-paġni żdied. F'din il-ħarġa wieħed isib 42 paġna ppakkjati b'materjal letterarju ta' natura differenti, materjal li jiffoka fuq il-prodott Malti l-ewwel, imma jagħti spazju anki lil kittieba u kitbiet barranin u b'ilsna oħrajn, l-aktar l-Ingliż u t-Taljan. Hemm min jegħja jew jaqta' qalbu jara dawn il-paġni kollha! Hemm min ikun qed jistenna pubblikazzjoni bħal din u jaqraha kollha kemm hi. Il-fatt hu li IL-PONT qed ikun segwit u apprezzat minn ħafna, kemm qarrejja kif ukoll kontributuri, li n-numru tagħhom qed jiżdied. Anki din id-darba kelli nwarrab ċertu materjal u nerfgħu għall-ħarġa ta' Diċembru 2018 biex in-numru tal-paġni ma jkomplix jikber.

Bejn din il-ħarġa ta' IL-PONT u l-ħarġa ta' wara se jittella', bħal kull sena, il-Festival tal-Ktieb f'Novembru: ħamest ijiem sħaħ ta' ċelebrazzjoni tal-ktieb! Dan il-Festival hu okkażjoni biex wieħed jiltaqa' ma' għadd ta' kittieba lokali, jipparteċipa f'numru ta' lejliet letterarji, u, fuq kollox, jara x'joffri s-suq lokali tal-ktieb Malti u jixtri l-kotba favuriti tiegħu bi prezzijiet vantaġġjużi. Il-ktieb jibqa' rigal ideali għal persuni li nħobbu, nirrispettaw u nixtiqulhom il-ġid. Il-ktieb huwa wkoll pont ta' komunikazzjoni f'sensi differenti. Mela m'għandniex niddejqu nagħtu ktieb lil membri tal-familja jew ħbieb. Hemm min saħansitra ġietu l-idea - idea li ilha titħaddem fil-prattika barra minn Malta - li joħloq librerija żgħira quddiem daru biex min ikun interessat jieħu ktieb biex jaqrah filwaqt li jħalli ieħor li jkun lesta minnu. Idea sabiħa tassew! Ktieb għandu iktar minn storja waħda: għandu wkoll l-istorja ta' min jaqrah, minn fejn ġie bħala prodott, min ippakkjah, min impustah, u min wasslu sal-għatba tad-dar, f'liema waqtiet inqara, minn min eżattament, u l-bqija. IL-PONT jgħin qatigħ biex ixerred l-imħabba u l-interess fil-ktieb.

Il-qarrej intelliġenti għandu dejjem jiftakar li meta jmur f'ħanut biex jixtri ktieb jew f'librerija biex jissellef ktieb, għandu jqalleb sewwa l-ixkafef u ma jillimtax ruħu għall-kotba u ismijiet li jitpoġġew dejjem fl-ewwel filliera. Dawn mhumiex il-letteratura kollha li pajjiżna jew pajjiżi oħrajn jistgħu joffru. Hemm bosta kotba u kittieba li minħabba xi raġuni jew oħra jitqiegħdu fuq wara tal-ixkafef u dawn għandhom dritt daqs kull kittieb u ktieb ieħor li jinġabru mill-qarrejja prospettivi, jitqallbulhom il-paġni, u fl-aħħar nett jinqraw ukoll. Il-letteratura ta' pajjiż mhix magħmula minn ġenji u Nobel biss imma minn ilħna, interessi, livelli, u kapaċitajiet differenti.

Hu importanti wkoll li l-qarrej jitħarreġ kif ikun kritiku, mela jkun jaf jiżen liema huma l-punti tajbin u dawk negattivi ta' xogħol letterarju. U biex jagħmel dan hemm il-bżonn li jaqra kittieba u xogħlijiet letterarji differenti, jitkellem ma' oħrajn li għandhom għal qalbhom il-qari u l-letteratura, jaqsam ħsibijietu u jisma' x'jaħseb ħaddieħor. Illum hemm ukoll bosta okkażjonijiet, fosthom għadd ta' lejliet letterarji, il-Festival tal-Letteratura Mediterranja, laqgħat ma' kittieba lokali u internazzjonali, u l-bqija.

Suġġeriment ieħor: meta niġu biex noħolqu għall-iskejjel u għall-eżamijiet sillabi u programmi simili marbutin mal-letteratura lokali, ma nillimitawx ruħna għas-soltu nofs tużżana ismijiet li jissemmew fuq is-soltu mezzi tal-komunikazzjoni li huma f'idejn persuni b'viżjoni dejqa żżejjed ta' dak li l-letteratura Maltija kapaċi toffri, anki għaliex mhumiex lesti jaqraw lil hinn minn ċirku limitat ħafna ta' kittieba u jsibu kull skuża biex inaqqsu mill-merti letterarji ta' xogħlijiet letterarji miktubin minn kittieba li mhumiex ħbieb jew ħbieb tal-ħbieb. Minkejja dan li qed ngħid naf "li jridu huma jsir, mhux li rrid jiena" (niċċita barra mill-kuntest vers tal-poeta Victor Fenech).

**IMUT PHILIP ROTH**

Il-kittieb ta' rumanzi u stejjer qosra Philip Roth ħalla din id-dinja nhar it-22 ta' Mejju. Fl-2012 kien sostna li ma kien se jikteb xejn iktar ladarba ma kellu xejn iktar xi jgħid u kien ilu snin twal ibati minn uġigħ kbir f'dahru. Huwa twieled fid-19 ta' Marzu, 1933, fi New Jersey, fl-Istati Uniti, u kien l-awtur ta' aktar minn 30 ktieb, fejn irrakkonta s-sabiħ u l-ikrah tal-Amerka, u analizza f'dettall kbir il-problemi ta' żmienna filwaqt li kixef l-ipokrisija tal-bniedem tal-lum. Fost il-kotba tiegħu, *Goodbye, Columbus* (1959), *The Ghost Writer* (1979), *Sabbath's Theater* (1995), *American Pastoral* (1997, bih rebaħ il-Premju Pulitzer), *The Human Stain* (2000), *Nemesis* (2010), u *Why Write? Collected Nonfiction* 1960-2013. Roth kellu 85 sena u huwa midfun fil-Bard College Cemetery, f'Annandale-on-Hudson, New York, fejn kien ta xi lezzjonijiet.



**Philip Roth**

**TNEDIJA TA' *IT-TFAL JIĠU BIL-VAPURI* ISSA WKOLL RUMANZ BIR-RITRATTI**

Wara li *It-'Tfal Jiġu bil-Vapuri* tal-Prof. Oliver Friggieri kien ippubblikat bħala rumanz, u aktar tard fi triloġija bħala ktieb wieħed, u wara li dan l-istess rumanz ġie adattat għal tliet sensiliet televiżivi, issa Mario Micallef u Klabb Kotba Maltin qed iħabbru produzzjoni ġdida għal dan ix-xogħol: RUMANZ BIR-RITRATTI (Klabb Kotba Maltin). B'96 paġna u 'l fuq minn 600 ritratt, meħudin mill-istess sensiela televiżiva, dan il-proġett għandu jkun attrazzjoni sabiħa kemm għal dawk li jħobbu jaqraw bil-Malti, kif ukoll għal dawk li jħobbu drammi ta' dan il-livell. Il-pubblikazzjoni hi utli ħafna wkoll għal tfal tal-iskola li qed jitgħallmu l-Malti għax id-djalogi fil-qosor, megħjuna bir-ritratti kontinwi, jagħmluha ferm aktar faċli biex dak li jkun jitħeġġeġ jaqra. U probabbilment min jibda jaqra r-rumanz preżentat f'dan l-istil, jibqa' għaddej sal-aħħar paġna.

It-tnedija ta' dan ir-Rumanz bir-Ritratti saret nhar it-8 ta' Ġunju, fiċ-Ċentru taċ-ĊAK, f'Birkirkara. Is-serata tat-tnedija nkludiet mużika, kant, qari u filmati qosra mill-istess sensiela *It-Tfal Jiġu bil-Vapuri*.




**IL-FESTIVAL TAL-KTIEB F'GĦAWDEX, 2018**

Din is-sena l-Festival tal-Ktieb f'Għawdex seħħ fis-Sala tal-Eżibizzjonijiet fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex ġewwa Pjazza San Franġisk ir-Rabat, Għawdex, bejn it-22 u t-23 ta' Ġunju u kien mimli b'attivitajiet kulturali varji. Il-Festival inkluda ħin għal Palk Ħieles, qari ta' letteratura lokali - bil-parteċipazzjoni tal-poeta Charles Bezzina, il-kritiku tal-arti Joe Camilleri, u kittieba Għwdxin oħra -, attivitajiet marbuta ma' qari u letteratura (fosthom Michael Zammit li qara siltiet minn *Il-Metamorfosi* ta' Ovidju, ma' Pjattaforma), u żjara bi gwida tad-djar ta' poeti Għawdxin fir-Rabat. Dawn l-attivitajiet varji twettqu b'kollaborazzjoni mal-pubblikaturi Horizons, Faraxa, u Pjattaforma, mal-NGO Inizjamed, u numru ta' awturi u artisti Maltin u Għawdxin, fosthom anki Leanne Ellul u Maxine Attard. Intwera wkoll *Dar ir-Rummien*, film qasir imsejjes fuq novella li ġġib l-istess isem mill-ġabra ta' novelli, *Dak li l-lejl iħallik tgħid* ta' Pierre J. Mejlak.

Il-pubblikaturi li ppartecipaw kienu Midsea Books, Faraxa, Merlin, Pjattaforma, Heritage Malta, Horizons, Uptrend, SKS, u Agius and Agius. Il-pubbliku seta' jara u jixtri pubblikazzjonijiet lokali.

Il-Festival ġie miftuħ mill-On. Ministru għal Għawdex, Dr Justyne Caruana, u d-direttur eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Mark Camilleri.

**PROGRAMM RADJUFONIKU BIL-MALTI FL-AWSTRALJA**

Il-komunità Maltija fl-Awstralja hija waħda mdaqqsa sew u sa minn snin ilu għandha r-radju komunitarju tagħha fuq Radio 3ZZZ. Waqt dan il-programm is-semmiegħa jistgħu jċemplu u jitolbu kanzunetta biex jisimgħuha anki biex jiċċelebraw okkażjonijiet varji. Paul Vella u Liz Phillips imexxu l-programm filwaqt li Salvina Vella tieħu ħsieb it-telefonati. Jindaqqu kanzunetti ta' Freddie Castelletti, Joe Demicoli, Enzo Gusman, David Azzopardi, Julie Pomorski, Irene Attard fost oħrajn, filwaqt li jingħadu anki għadd ta' ċajtiet. Liz Phillips hi xandara ġdida li għadha kemm lestiet il-kors tat-taħriġ u issa hija kapaċi tmexxi programm waħedha. Fir-ritratt hawn taħt, Paul Vella, *Convenor* tal-*Maltese Broadcasting Group* qed jagħti ċ-Ċertifikat lil Liz Phillips. Liz twieldet fl-Awstralja imma titkellem Malti tajjeb. Bosta semmiegħa kellhom kummenti pożittivi dwar l-ewwel programm bil-Malti li mexxiet f'Ġunju li għadda. Awguri u aktar suċċess lil Liz u lix-xandara Maltin fl-Awstralja.

**Liz Phillips u Paul Vella**



**LAQGĦA MA' POETA MALTI-AWSTRALJAN FIL-MOSTA**

Nhar it-22 ta' Ġunju 2018, fir-Razzett tal-Markiż, il-Mosta, ittellgħet serata speċjali fejn kien mistieden il-poeta Malti-Awstraljan Frank Zammit. Dan b'kollaborazzjoni bejn l-Għaqda Poeti Maltin u l-Għaqda Filantropika Talent Mosti. Frank Zammit li jżur Malta regolarment qasam mal-pubbliku l-esperjenza tiegħu fil-qasam tal-Letteratura Maltija u l-kitba tiegħu fl-Awstralja. Omar Seguna mexxa l-intervista. Kien hemm ukoll qari 'open mic' ta' poeżiji għal min xtaq jaqra kitbietu. Kien hemm ukoll il-ġabra poetika ġdida ta' Jonathan Balzan, *Madwar Ħajti* li ġie mniedi għall-membri tal-GħPM.

Intant, dejjem waqt iż-żjara tiegħu f'Malta dis-sena, nhar it-28 ta' Mejju, Frank Zammit kellu laqgħa mal-istudenti tal-Malti Avvanzat fis-Sixth Forma tal-Kulleġġ De La Salle fil-Birgu. Nhar it-28 ta' Mejju Zammit ħa sehem fil-lejla letterarja organizzata minn PoeżijaPlus fil-Kunsill Lokali tal-Belt. Fid-19 ta' Ġunju l-kittieb Malti-Awstraljan kellu wkoll laqgħa mal-Kunsill tal-Akkademja tal-Malti.



**Omar Seguna, Frank Zammit u Jesmond Sharples**

**KAŻINATA MILL-GĦAQDA TAL-MALTI UNIVERSITÀ**

Nhar it-28 ta' Ġunju, l-Għaqda tal-Malti, flimkien mar-rappreżentanti tal-istudenti fid-Dipartiment tal-Malti tal-Università, organizzat każinata għal wara l-eżamijiet fil-klabb tal-boċċi ta' San Bastjan, Ħal Qormi. Għalkemm din l-attività kienet primarjament għall-istudenti tal-Malti, t'issa u ta' xi darba, u għall-membri tal-Għaqda, kulħadd kien merħba bih.

**KONKORS TAL-POEŻIJA "MONS. AMANTE BUONTEMPO"**

F'Ġunju li għadda tħabbar għas-sena 2018, il-konkors tal-Poeżija 'Mons Amante Buontempo'. Din is-sena saru xi tibdiliet fih wara li ttieħdet nota tal-*feedback* li ngħatat fuq il-konkorsi passati riċenti. Il-konkors li reġa' sar flimkien mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, kien fih 2 kategoriji tal-poeżija - waħda bil-Malti u l-oħra bl-Ingliż u kull konkorrent seta' jieħu

sehem fit-tnejn li huma. Flok 3 poeżiji ntalab li tiġi sottomessa poeżija waħda għal kull kategorija u għaldaqshekk hemm 3 premijiet f'kull kategorija, jiġifieri sitta b'kollox. Is-serata tal-premjazzjoni sa ssir matul il-Fiera tal-Ktieb li tinżamm f'Novembru 2018.

**LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI TAL-GĦAQDA TAL-MALTI, UNIVERSITÀ**

Fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret fil-11 ta' Lulju fl-Università, l-għaqda studenteska tat rendikont ta' ħidmet il-Kumitat tul is-sena 2017-2018. Kienet sena ta' sfida għall-Kumitat ġdid fjamant, b'membri ġodda li ppruvaw ilaħħqu mal-impenji tal-Għaqda u l-istudji tagħhom fl-istess nifs, iżda kif uriet il-LĠA, kienet sena li ħalliet il-frott. Dan il-frott intwera lill-membri li attendew permezz tar-rapporti ppreżentati: ir-Rapport Amministrattiv u r-Rapport Finanzjarju. Tal-ewwel inkluda rendikont tal-laqgħat ta' kull xahar tal-Kumitat, kif ukoll tar-relazzjonijiet tal-Għaqda. Inkluda wkoll lista estensiva tal-ħafna attivitajiet organizzati tul is-sena, ewlenin fosthom: Żanżan Kelma, il-Jum Ewropew tal-Lingwi f'Malta, il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus, u Taħdita: Tal-lajf jew tal-blieh?



**Il-membri tal-Kumitat il-ġdid tal-Għaqda tal-Malti, Università**

Ir-Rapport Finanzjarju, min-naħa l-oħra, wera kemm il-Kumitat ħabrek biex iżomm kont tad-dħul u l-ħruġ tal-finanzi tul is-sena, partikolarment tal-miżati ta' sħubija tal-membri. Punt importanti li ħareġ minn din il-laqgħa kien il-progress li wettaq il-Kumitat, li minn tmien stranġieri bi ftit esperjenza nbidel fi tmint iħbieb bi ftit iżjed esperjenza. Fi kliem il-President tal-Għaqda, Sephora Francalanza, "M'hemmx riċetta perfetta għat-tmexxija ta' Għaqda, imma dak hu s-sabiħ tagħha, tal-attiviżmu studentesk. Għandek ċans tkewwes u tipprova ingredjenti differenti, sakemm fl-aħħar tifhem liem ingredjent imur tajjeb ma' ieħor."

Il-membri u l-irwoli fil-Kumitat se jibqgħu l-istess, jiġifieri: President – Sephora Francalanza; Viċi President – Amy Camilleri; Segretarja – Bernice Magro; Viċi Segretarju – Joseph Charles Galdes; Teżoriera – Claire Gouder; Assistent Teżorier – Mariano Formosa; Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi – Rachelle Deguara; u Assistent Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi – Shanna Spiteri.

**LAQGĦA MAL-KITTIEB U PERIT LAWRENCE GATT FIL-MOSTA**

Nhar it-13 ta' Lulju l-Għaqda Filantropika Talent Mosti organizzat laqgħa mal-kittieb Perit Lawrence Gatt f'rabta mal-pubblikazzjoni tal-aħħar rumanz tiegħu *Rabtiet*, ippubblikat mill-Kite Publishing fl-2017. Waqt is-serata Teresa Gauci qrat xi siltiet mir-rumanz, filwaqt li l-Prof. George Cassar intervista lill-awtur. Fl-aħħar, Sergio Grech qara riflessjoni dwar l-istess rumanz.



**Waqt mil-lejla ddedikata lill-kittieb Lawrence Gatt**

**HELENA JANECZEK TIRBAĦ IL-PREMJU STREGA 2018**

Il-kittieba Ġermaniża-Taljana rebħet l-edizzjoni 2018 tal-aktar premju letterarju prestiġjuż fl-Italja, l-iStrega, bir-rumanz tagħha *La ragazza con la leica* (ippubblikat minn Guanda), iddedikat lill-fotografa u attivista politika Ġermaniża, Gerda Taro, li mietet żagħżugħa waqt il-Gwerra ta' Spanja. Dan il-premju reġa' ntrebaħ minn mara wara 15-il sena ta' rebbieħa rġiel. Fit-tieni post ġie Marco Bolzano bir-rumanz *Resto qui* (Einaudi), segwit minn Sandra Petrignani bir-rumanz *La corsara*, Carlo D'Amicis b'*Il*

*gioco* (Mondadori), u Lia Levi bi *Questa sera è già domani* (e/o).



**Helena Janeczek**

**LAQGĦA ĠENERALI STRAORDINARJA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI**

Nhar l-20 ta' Lulju 2018 saret il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tal-Akkademja tal-Malti f'Dar l-Ewropa, il-Belt. Matulha nqara r-Rapport Amministrattiv li ġabar fih il-ħidma li saret matul is-sena li għaddiet. Il-Prof. Albert Borg nħatar bħala l-President tagħha.

**LEJLIET TA' LETTERATURA U MUŻIKA F'BIRKRKARA**
**(rapport ta' Therese Pace)**

Il-Grupp Muża Karkariża jaħdem ħafna fi ħdan u id f'id mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara. Ta' kull sena jtella' lejliet letterarji li jduru madwar temi differenti skont iż-żmien tas-sena u tista' tgħid li issa daħal sewwa fil-kalendarju kulturali ta' dan ir-raħal. Dan l-aħħar impenja ruħu sew hekk li matul is-sena qiegħed iżomm ħames lejliet ta' din ix-xorta: waħda għall-ħabta tal-Għid il-kbir, oħra f'Ġunju li ssir barra fi pjazzetta ċkejkna biswit l-għassa u li tkun tifforma parti mill-attività li jtella' l-istess kunsill lokali, f'Awwissu fi żmien il-festa, oħra f'Novembru biex infakkru l-qaddisin u l-mejtin u dik ta' żmien il-Milied.

Il-lejla letterarja li ta' kull sena jżomm f'Ġunju jkollha dejjem bħala tema lil Birkirkara u tifforma dejjem parti mill-attività ferm ikbar li l-Kunsill tal-lokal jorganizza fil-qalba ta' Birkirkara kull sena fejn fiha jislet xi element jew ieħor mill-ħajja ta' Birkirkara. Din is-sena t-tema kienet "Birkirkara Maż-Żminijiet". F'din l-attività jkunu impenjati l-entitajiet prinċipali tal-lokal bħall-każini tal-baned, tal-futbol , l-għaqdiet diversi tar-raħal l-iscouts kif ukoll diversi artiġjani li esebixxew xogħlijiethom. L-attività nżammet fid-9 ta' Ġunju, 2018 u l-kittieba kienu Philip Borg, Charles Mifsud, Carmen George, Charles Briffa, Patri Angelo Mamo. Therese Pace, Ninu Borg, Josianne X Azzopardi, George Peresso, Tarcisio Zarb u Philip Xuereb. Kien hemm ukoll intervalli mużikali li kienu f'idejn Joseph Gauci, Elena Muscat, Roberta Mallia, u Joseph Gauci. Bħas-soltu ppreżentat is-serata s-Sinjura Maria Mintoff u Anton Grasso qara xi siltiet. Il-ko-ordinazzjoni dejjem tkun f'idejn Terry Muscat.

Għall-Muża Karkariża, il-wasla t'Awwissu tfisser lejla oħra letterarja b'tema li ddur madwar il-patruna tar-raħal Sant'Elena. Din is-sena t-tema kienet Is-Sajf u l-Festa. Il-lejla msemmija nżammet nhar it-8 t'Awwissu fil-kappellun tal-Madonna tar-Rużarju fil-Bażilika ta' Sant'Elena. Quddiem udjenza ferm sabiħa, il-qarrejja tkellmu minn diversi aspetti dwar il-Patruna u s-sinjifikat tas-Salib li hija sabet, il-festa, id-drawwiet antiki u moderni marbutin mar-raħal u l-festa. Kien hemm ukoll qari bid-djalett Karkariż u tagħrif importanti u interessanti dwar in-numru tal-membri tal-Kleru fil-passat kif imqabbla ma' dawk tal-lum. Il-lejla kienet imżewqa b'interventi mużikali minn Joseph Gauci, Elena Muscat, u Martina Abela li kantat akkumpanjata fuq l-orgni minn ommha, s-sinjura Abela. Is-sinjura Terry Muscat kienet il-ko-ordinatriċi tas-serata li ġiet ippreżentata mis-sinjura Maria Mintoff.

Il-grupp Muża Karkariża għandha l-paġna tagħha ta' facebook.



**Waqt mil-lejla mtellgħa minn Muża Karkariża fit-8 t'Awwissu**



**Email mingħand Narcy Calamatta – il-5 ta' Ġunju 2018**

Fil-festival kulturali "Iljieli Mediterranji" tas-sena 2000 konna tellajna spettaklu msejjes fuq il-poeżija epika *Il-Ġifen Tork*. Alfred Sant kien għamel l-għażla u Charles Abela Mizzi kien qara l-poeżija. Il-korjografija u ż-żfin kienu f'idejn Allison White. Jien kont id-direttur artistiku u għażilt siltiet ta' kori mill-opera lirika biex jinsġu x-xeni tal-mima. Kont għamilt id-disinn tax-xena li kien ġifen li jibda bħal qiegħed ibaħħar u wara jinfetaħ ktieb u naraw taħt il-gverta l-qaddiefa lsiera Maltin. Ġibna prattikanti tal-*martial arts* għall-ġlieda u l-ħtif. Ghall-aħħar xena taċ-ċelebrazzjonijiet ġo Malta l-ġifen kien jinfetaħ bil-maqlub u jiġi qisu wied bir-raba' imtarraġ. Ġew 'il fuq minn elf ruħ li ħallsu biex jaraw l-opra tagħna. Għad hawn min jiftakar dan l-ispettaklu b'għożża kbira. Il-letteratura Maltija jixirqilha esperementi bħal dawn.

**Email mingħand Therese Vella De Luca – is-6 ta' Ġunju 2018**

Għażiż Patrick,

Grazzi u prosit ta' ħarga oħra interessanti IL-PONT. Ma setax jasalli f'ħin aħjar minn dan [...] L-artikli, il-poeżiji u l-informazzjoni li għal darb'oħra tant ħadt pjaċir naqrahom, żammewli l-kumpanija [...]

Darba kont attendejt laqgħa dwar it-tradizzjoni lokali taż-żwieġ fil-Qatar. Kien laqatni fatt interessanti tal-passat. Meta l-"ħuttaba" kienet issib it-tfajla li tidhrilha ideali ghall-għarus, bħala turija ta' ferħ, il-bniet tal-villaġġ kienu jkantaw u jiżfnu kanzunetta li jien xebbahta/fakkritni ħafna ma' "Bum bum il-bieb". Sfortunatament, għad ma kellix ix-xorti niltaqa' ma' xi ħadd lokali fejn nista' nerġa' nitkixxef sew fuq dan il-fatt. Imma qiegħed dejjem iberren f'moħħi għax nassumi li jkun tassew interessanti jekk insibu xi oriġini simili għal tagħna l-Maltin. Irrid naħdem fuqha.

Awguri ta' sajf mill-isbah waqt li mis-sħana tal-Qatar (41°c illum 6 ta' Ġunju 2018),

Insellimlek,

Therese.

**Email mingħand Marielle Spiteri – il-5 ta' Ġunju 2018**

Għażiż Patrick,

Grazzi mill-qalb ta' IL-PONT - kulma tmur qed tirfina. Il-pinna tiegħek hija sinċiera, fina u metikoluża!!! Il-preferenza tiegħi tibqa' l-poeżija għax hija bħal balzmu għalija.

Inselli,

Marielle.

**Email mingħand Mario Grixti – is-6 ta' Ġunju 2018**

Għażiż Patrick,

Niżżikħajr ta' IL-PONT għax xahar ta' Ġunju, 2018. Napprezzah qatigħ. Magażijn letterarju ta' valur. Jikkontjeni ħsibijiet validi varji, kitbiet ta' veru u oltre dan, ilaqqagħna ma' kittieba poeti minn pajjiżi oħra, li għandhom il-maturità u l-intelletwalità tagħhom. Magażijn li jirrikjedi ħafna xogħol u taħbit, imma d-dedikazzjoni tiegħek Patrick, qed tagħti riżultati eċċellenti. Grazzi mill-ġdid u mill-qalb, ħabib.

B'Imħabba,

Mario.

**Email mingħand Paul P. Borg – il-5 ta’ Ġunju 2018**

X'hemm Patrick,

Grazzi ta' IL-PONT. Tajtu daqqa t'għajn malajr malajr imma noqgħod naqrah bil-kwiet ftit ftit. Mimli bħas-soltu tagħrif interessanti li żgur jeħodlok ħafna ħin biex tiġbru. Imma bħal ħafna oħrajn napprezzah mhux ftit għax hu ġieħ lil-Letteratura tagħna.

Sliem u tislijiet,

Paul P. Borg

**Email mingħand Charles Mifsud – is-6 ta’ Ġunju 2018**

Il-jum it-tajjeb Patrick.

Prosit u grazzi tal-ħidma tiegħek fil-qasam letterarju b'mod partikolati b'seħħ ta' IL-PONT għax fih, mingħajr preġudizzju, qed tagħti leħen lil kulħadd. Il-klikek mhux għalik, min ħaqqu merħba bih. Prosit mill-ġdid ħabib.

Charles.

**Email mingħand Alfred Massa – is-6 ta’ Ġunju 2018**

Għażiż ħabib tiegħi Patrick,

Nirringrazzjak u nifraħlek għall-ġid li qed tagħmel b'riżq il-Letteratura ta' pajjiżna. IL-PONT hu tabilħaqq rivista virtwali li minn żmien għal żmien qiegħda żżid fil-popolarità tagħha. Dan bir-raġun għax barra milli toffri qari serju tiftaħ il-bieb għall-kittieba kollha, bla ebda distinzjoni. Interessanti huma l-aħbarijiet li tagħtina biex kull min hu midħla tal-Letteratura/kultura f'pajjiżna jista' jżomm ruħu aġġornat.

Jalla ma taqtax qalbek u tibqa' miexi. Mhix ħaġa faċli, naf. Mhux l-ewwel darba li tkellimna dwar dan. Imma l-appoġġ u l-apprezzament li qed issib għandu jimbuttak biex tkompli.

Min-naħa tiegħi nawguralek u nifraħlek.

Alfred.

**Email mingħand Joseph Sciberras - is-6 ta’ Ġunju 2018**

Grazzi, Patrick.

Bħas-soltu, taqtagħli nifsi. Inkun irrid naqrah malajr għax jgoħġobni ħafna imma nispiċċa ma naqra xejn bis-sens.

Kull darba nibda mill-ġdid u bil-mod għax kitba bħal din bħal ikel tajjeb, tkun trid tomogħdu sew.

Prosit tassew għax qiegħed tagħmel ġieħ lil-letteratura Maltija.

Saħħa,

Joseph Sciberras (Ħ’Attard)

**Email mingħand Michael Zammit – is-7 ta’ Ġunju 2018**

Għażiż Sur Sammut,

Kull darba li jasalli Il-PONT inħossni fid-dmir li għandi nikkumplimentak għall-ħidma mdiehba tiegħek b’risq ilsienna. Aktar u aktar għax nista’ nifhem x’battikata tieħu biex twasslilna dal-ġid kollu. Kull darba nimmaġinani f’nofs ġnien bi frott ta’ kull tip, għamla u daqs, bi frott ta’ kull lewn u benna u bi frott tal-iprem kwalità. Nistqarr li nitfixkel mil-liema frotta se nibda l-ewwel. Quddiem din l-abbundanza, nagħmel kuraġġ tassew, għax bil-maqlub ta’ dak li jaħsbu xi wħud, l-imħabba lejn ilsienna tassew rabbiet għeruq fondi fil-qlub ta’ tant ħutna. Parata sħiħa ta’ kittieba, b’kull ġeneru ta’ kitba li jaqsmu magħna ħsus qalbhom u ruħhom. IL-PONT qed iwassalna sal-qċaċet tal-kitba Maltija, minn fejn nistgħu naraw xena panoramika li thennik u tagħmillek il-qalb.

Ħajr.




***MALTI. P - ATTIVITAJIET BAŻIĊI FIL-LINGWA MALTIJA GĦAL-LIVELL PRIMARJU*** **ta' Rita Azzopardi u Beverley Ann Caruana, Schola Publications, 2018.**

**INTERVISTA MA' RITA AZZOPARDI, għalliema tal-Malti fil-Kulleġġ De La Salle, Skola Primarja:**

**Int, flimkien ma' Beverley Ann Caruana , intom l-awturi tas-serje ġdida magħmula minn erba' kotba, *Malti. P: Il-Bidu; id-9 Tarġa; l-10 Tarġa; u il-11-il Tarġa*. Meta u kif twieled proġett bħal dan? Kemm hemm snin ta' esperjenza warajh?**

Konna ilna naħsbu dwar dan il-proġett. U fl-aħħar meta ġietna l-opportunità ħadniha. Bejnietna hemm 25 sena ta' esperjenza tat-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel Primarji.

**Kif tiddeskrivi x-xogħol tiegħek ta' għalliema fil-livell tal-Primarja? Kemm jirrikjedi xogħol? Liema huma l-ħwejjeġ sbieħ u inqas sbieħ tiegħu? Innutajt xi bidliet f'dawn l-aħħar snin kemm fl-attitudni tal-istudenti fil-klassi kif ukoll fil-mod tat-tagħlim?**

Ix-xogħol ta' għalliema fil-Primarja rajtu nbidel matul iż-żmien. L-ammont ta' xogħol li jirrikjedi proġett bħal dan huwa wieħed konsiderevoli. Qabel ma bdejna noħolqu l-materjal, għamilna pjan kif se tkun imqassma s-serje kif ukoll kif se nqassmu l-attivitajiet. Naħseb li l-iktar ħwejjeġ sbieħ ta' din is-serje huma li l-attivitajiet huma maħsuba għal studenti b'abbiltajiet differenti, għalhekk l-għalliema tista' tużahom għal *differentiated teaching*. Barra minn hekk, ir-riżorsi aċċessibbli huma varji u jkomplu jgħinu fit-tagħlim tal-istudent kemm fil-klassi kif ukoll id-dar.

L-attitudni tal-istudenti fil-klassi u lejn it-tagħlim rajtha tinbidel f'dawn is-sbatax-il sena li ili ngħallem. Dan ma jfissirx li hi xi ħaġa negattiva, anzi nqisha bħala xi ħaġa pożittiva għax kull ħaġa ħajja maż-żmien tinbidel. U bħala għalliem trid tkun preparat li timxi maż-żminijiet. Pereżempju, fejn fil-bidu li bdejt ngħallem l-istudenti kienu jifirħu b'attività sempliċi, illum għandna avvanzi fit-teknoloġija li jgħinuk toħloq attivitajiet u logħob differenti u li jappella

iktar għall-istudenti. Fil-fatt, għalhekk aħna ħsibna li l-kotba tas-serje *Malti. P* jinkludu materjal diġitali u attivitajiet interattivi.

***Malti. P* huwa mqassam f'erba' tarġiet: jibda b'attivitajiet bażiċi fil-lingwa Maltija għal-livell Primarju; isegwi taħriġ u attivitajiet fil-lingwa Maltija għal-livell Primarju; wara aktar hemm taħriġ u attivitajiet fil-lingwa Maltija għal-livell Primarju; u jispiċċa b'taħriġ fil-kitba Maltija għal-livell Primarju. Għaliex dan it-tqassim? Kif se jgħin lill-istudent tal-Malti fil-Primarja?**

Dawn huma biss l-erba' Tarġiet li għandna lesti s'issa. Is-serje kompluta (u li din mistennija li tkun lesta sal-bidu tas-sena skolastika) se tkun magħmula minn 15-il ktieb jew aħjar 15-il Tarġa. Qassamnihom b'tali mod li l-istudent, minn età bikrija, jibda jħoss l-imħabba tiegħu lejn il-lingwa Maltija permezz tat-taħdit u s-smigħ. Imbagħad iktar ma nitilgħu t-tarġiet, l-istudent se jkollu xalata ta' attivitajiet differenti msejsa fuq l-erba' ħiliet: il-qari, it-taħdit, is-smigħ u l-kitba. Hemm ukoll l-element grammatikali. L-eżerċizzji u l-attivitajiet tal-ewwel ftit Tarġiet huma maħsuba biex it-tfal jibdew jibnu l-vokabolarju tagħhom.

**Is-serje *Malti. P* hija mogħnija minn tqassim u żvilupp skematiku tal-materjal (fosthom anki t-taqsimiet Nisma' u Nitkellem, Naqraw Flimkien, u Nipprattika Ftit Grammatika u l-Kitba, imma anki X'Tgħallimt), stampi u disinni oħra bil-kulur u anki opportunità li jintużaw podcasts, riżorsi u materjal ieħor aċċessibbli *online*. Kemm jgħin dan kollu lill-istudent tal-Primarja?**

Kif diġà għidt qabel, dawn l-elementi kollha li semmejtli jappellaw għall-interess tal-istudent. Ktieb mingħajr stampi u kulur mhux attrajenti. Fid-dinja tal-lum, fejn ħafna tfal jafu jużaw it-teknoloġija fuq ponot subgħajhom, żgur li jieħdu gost jaħdmu xogħol fuq il-kompjuters. L-għalliema wkoll jistgħu jużaw xi attivitajiet permezz tat-*tablets* li t-tfal jużaw fil-klassi kif ukoll tal-bord interattiv. Il-materjal u r-riżorsi kollha aċċessibbli *online* se jkunu qed jgħinu mhux biss lill-istudenti iżda wkoll lill-għalliema fl-ippjanar tal-lezzjonijiet tagħhom kif ukoll lill-ġenituri u lil dawk li jieħdu ħsiebhom.

**Illum nafu li l-klassi m'għadhiex magħmula biss minn studenti li l-ilsien ewlieni tagħhom hu l-Malti, imma anki minn oħrajn li għalihom il-Malti huwa t-tieni lingwa jew saħansitra ilsien barrani. Malti. P jista' jgħin anki lil dawn l-istudenti? Kif?**

Meta fassalna din is-serje żammejna f'moħħna mhux biss studenti b'abiltajiet differenti iżda wkoll studenti li, kif semmejt inti, għalihom l-ilsien Malti mhuwiex l-ilsien ewlieni tagħhom. Jien nemmen ħafna li permezz tal-qari jew is-smigħ ta' storja/silta, it-tfal jibdew isiru midħla ta' vokabolarju ġdid u jsiru iktar kunfidenti fil-mod kif jesprimu ruħhom f'dik il-lingwa partikulari. Huwa għalhekk li ħsibna li fl-ewwel ftit kotba tas-serje niffukaw fuq temi permezz ta' stampi li minnhom joħroġ il-vokabolarju u jsir it-taħdit. Ma ninsewx ukoll li hemm il-*podcasts*.

***Malti. P* hija serje li trid tinħadem bilfors fil-klassi flimkien mal-għalliema jew jista' jintuża anki d-dar bħala reviżjoni jew għajnuna ulterjuri b'kollaborazzjoni bejn il-ġenituri u l-ulied li jridu jsaħħu l-Malti tagħhom?**

Dawn il-kotba jistgħu jintużaw kemm fil-klassi kif ukoll bħala reviżjoni d-dar. 'Il quddiem huwa maħsub li għall-eżerċizzji grammatikali li jkun hemm it-tweġibiet aċċessibbli *online* wkoll.

**Proġetti oħrajn għall-ġejjieni?**

Mistoqsija interessanti! Biex tikkumplimenta din is-serje ta' *workbooks* u biex is-serje tkun verament kompluta, qegħdin naħdmu, flimkien ma' nies oħra, fuq sett kotba ta' qari.



## INTERVIEW WITH POET MARIA GRECH GANADO ABOUT HER MOST RECENT POETRY COLLECTION, *FRAMED* (Merlin, 2018)

**Why the title *Framed*?**

When it comes to poems about concrete items like apertures, pictures, mirrors, etc., I think it obvious that the poems are reflections on what it is they frame. The word in itself also seemed a perfect umbrella term for themes in the collection about frames of mind to do with thought, reflection, feeling, rather than description. 'Frame' finds a place in countless ramifications of various disciplines, linguistic, social, psychological, philosophical, financial, etc., and is here used metaphorically.

Moreover, I often feel that our very identities are 'framed', not only by our genes, but as in Heidegger's concept of Thrownness (*Geworfenheit*), which randomly flings individuals into a specific time-span between birth and death – as also into a social framework that determines our norms, beliefs, conventions, traditions and thereby our eventual choices. Even as a child, I remember feeling very confused by postulates of free will. I wish I had the mental energy today to read more of writers like Simon Baron-Cohen.

**You quote Elinor Wylie and Eleanor Roosevelt as an opening to this new book. Which of these describe you best: fearless, strong, cheerful, wise? Why?**

I stopped trying to describe myself to myself ages ago. Not only do we all keep on changing as we grow, but I also tend to change my mood according to circumstantial fluctuations during the same day. I can be all of the above in certain circumstances, or the exact opposite in others. Sometimes both simultaneously. For example, I'm strongest when I refuse to hide my vulnerability, question everything fearlessly even when it might disturb my comfort zones, but dread arguments merely meant to assert aggressive points of view. I smile no matter what. I agree with Shakespeare that nothing is but was is not. Perhaps my bipolar disorder has something to do with this, but most of what I think and feel is inherently paradoxical. *Odi et amo*.

**Do you prefer reading literature (poetry, fiction, drama) or philosophy? What about cinema, music, and theatre? How do these help you in your writing?**

I don't like reading philosophy at all, when it's written as a discipline. It tends, like legal jargon, to wring any poetry out of language and render it a befuddling tool subservient to a dry analyses which I simply cannot follow. Literature overflows with philosophy (as also psychology, history, sociology etc.) where the medium is language at its most vital and creative. Though it is the medium I enjoy most, the different creative ones you mention come very close. For personal reasons, I'm no longer able to participate publicly as Maltese interest in cultural events grows, but music accompanies me when I write, read, or simply try to fill my mind with some beauty (mainly classical). And I'm always searching for films of a certain substance to watch at home. I love best what engrosses me so much that I forget my separate identity. Or, as TS Eliot would put it, become the music 'while the music lasts'. When conflicting pieces of myself are absorbed and harmonised, it must inevitably help my writing.

**The pensive "I" in Framed is suspended somewhere between childhood and old age. How do you react to this?**

It's a lovely line, almost poetical, but I'm afraid I don't understand what it means. The statement implies that childhood and old age are at opposite poles, whereas I tend to think of Time as circular

rather than linear, so that there doesn't seem to be much distinction between the two. They are states of Being as opposed to Doing. I think the pensive 'I' in *Framed*, like my relentless pensive eye everywhere, hops between contexts in my experience, which might not seem logically connected to others, but are imaginatively aligned in my mind. It's so difficult to explain, which is why I have to use poetry - metaphor is based on such an alignment, and when I can trace the patterns it evokes, they can't help but be multi-levelled as well. For me Life is what exists within this circular frame – no 'between', except, perhaps, with spirals.

I think T.S. Eliot's "The Four Quartets" comes closest to capturing this experience in words. His poem is a complex 'raid on the inarticulate'. Towards the end, there are 4 lines which continue to be of great import to me 'we shall not cease from exploration/ and the end of our exploring /will be to arrive where we started / and know the place for the first time'.
.

***Framed* also includes a 20-page short story named "Inside William (1991)". What was the idea behind such an inclusion in a book of verse?**

I wrote 'Inside William' ages ago when I began to struggle with a growing need to discover who I really was, or rather who I wasn't.

William is, of course, the body, the human frame in which Bill (Reason) and Will (Imagination) live together in us all. Noting the difference of others through the metaphorical 2nd window, Reason thinks in terms of better and worse. Imagination sees the same difference but enjoys finding out what others are like, remaining as non-judgemental as a child. The piece developed more as one of playful mysticism than a story, and I didn't know where to place it.

When I came to publishing *Framed*, I realised that the 'story' could serve as a kind of introduction to what constitutes the experience of the spirit's 3rd window, through which poetry can fly, avoiding the pain of difference altogether. It's a perspective that looks into oneself, unlike the windows which look out at others. The pensive 'I', perhaps, more of a reflection than a narrative. And it contains a good amount of word play. I decided it had found its place in *Framed* as a prose poem.

**You write verse in both English and Maltese. What is your experience as a poet and writer with these two different languages?**

It amazes me that a potential poem chooses its own language. I was brought up with English as my principal language, then studied and lectured English literature. My Maltese tended to be very shaky, and I still have problems with vocabulary and grammar, pronouns and spelling. I tend to be lazy, so didn't read much Maltese classical literature, unless I had to.

But when it was my friends who wrote Maltese literature of a high standard, I felt the language struggle inside me for some fresh air, the same air my friends were breathing. Nobody was as astounded as I when my Maltese poetry met with a certain regard – I'd hidden it, till a friend showed it to someone who was publishing an anthology (PSI) and he included 4 of mine. I love playing with the Maltese vocabulary because of the multiple meanings of words defined only by their context. I think the sound of Maltese well used has a magic all its own, as well. I tend to use the English iamb, rather than the Maltese hendecasyllable sometimes still, with positive effect too, I feel.

Strangely enough, I found it far more difficult to break out of the grammatical constraints of a language not my own, learnt with grammatical precision some 40 years before. I still like most of *Ribcage* (2013), but would probably not have published much of *Cracked Canvas* (2015) today. I wanted to launch a Maltese (*Il-Ħofra Bejn Spallejha*) and an English collection simultaneously, in protest at those who tend to disparage one language or the other, so published both too soon. Like it or not, I'm something of a perfectionist, and despite their containing some good poems, I think now that both collections were relatively mediocre. I should have waited to publish the good poems in my subsequent ones, respectively 9 and 13 years later.

I can't put my finger on any distinction in my feelings about which language I'm using, and am happy I'm able to write in both. I think, though, that I feel more fulfilled when it is a Maltese poem that reaches out to others.

## IR-RIT TAL-PASSAĠĠ
### Rakkont ta' Therese Pace

Hekk kienet tfattarhom il-bċejjeċ oħti Rosalba. Bla ma taħseb. Ta' bniedma impulsiva li kienet. Imma xorta kont inħobbha. U nibqa'. Id-demm ma jsirx semm. Darba fettlilha tiġi ssibni meta kelli wġigħ ta' ras nobis u ma kellix aptitha.

"Ħija Pawlu se jħallina", kienet qaltli b'awra ta' segretezza madwarha. Inħsadt.

"Se jħallina x'jiġifieri? Se jmut?"

"U le", weġbitni, "imma se jitlaq mid-dar, sejjer l-Awstralja biex jgħix hemm għal kollox. Qalulu li hemm issib xortik u tfaddal sold sewwa, u tħajjar jipprova".

Lil ħija Pawlu kont inħobbu ferm u għalhekk il-ħasda ħadtha ġewwa fija bil-kbir. Għalija ma tantx kien hemm differenza bejn li wieħed imut jew li ma tarahx iktar għax isiefer. It-tnejn iġibu firda, nuqqas ta' preżenza fiżika essenzjali biex wieħed jikkomunika. U li xi ħadd jonqos mid-dar mhix ħaġa ta' pjaċir. Niftakar kont bkejt dakinhar. Bkejt għar-rikbiet fuq ir-rota ġdida u sewda bil-katina tleqq madwar il-pedali li sejra jkolli nitlef. Għall-logħbiet tal-lexicon li konna drajna nimlew l-għaxijiet xitwin bihom, għall-iljieli li se jkolli ngħaddi mingħajr l-inkejja tiegħu. Għax kultant anke l-inkejja taf tkun sabiħa u sseddaq l-għaqda bejn l-aħwa. Dejjem jekk tkun innoċenti. Eżatt bħal meta ħabta u sabta tiddeċiedi li tintilef. Hekk għall-gost. U tgħaddi sagħtejn 'il bogħod mid-dar u minn kollox biex toħloq sensazzjoni. Sagħtejn avventura. Sagħtejn fejn terġa' tiskopri l-ħiliet ta' sopravvivenza li tħaddan. Sagħtejn sa ma terġa' ssib triqtek lura lejn ir-realtà bil-mod il-mod.

Aktarx li dik ta' ħija Pawlu kienet l-ewwel aħbar ħażina li laqtitli ħajti. Dakinhar kont bkejt it-telfa ta' ħija qabel ġarrabtha. Qabel ippakkja u rikeb abbord il-Flavia, bastiment kbir u sabiħ, b'ħafna sulari li kien inkarigat iġorr tagħbija nies mill-Ewropa għall-Awstralasja u li minkejja ġmielu, min jaf kemm fired u bekka nies. Għax il-firda kiefra għal min jaf iħoss, għal min hu sensibbli. Iva, dakinhar bkejtu bla ma kont naf kemm kont għad irrid nibkih iktar meta jasallu l-ħin qabel il-waqt biex jaqsam il-mina għan-naħa l-oħra, għall-infinit tal-eternità.

* * *

Imm'oħti hekk kienet magħmula. Ma taħsibhomx. Ma tqisx jekk intix ippreparat biex taċċetta l-aħbar li tkun ġiet twassallek. Titlaqhielek hekk, plaqq plumm, u tbewweġ. U tħallik tiġbor il-laqx tal-isfreġju li tikkawża. Tħallik maqtugħ minn ġewwa bħal wajer tal-elettriku li jieqaf jagħmel ċirkwit ta' kurrent, tipprova tifhem liema sajjetta tkun laqtitek.

Darba meta kien għad kelli biss erba' snin, kienet ġiet bla mistennija u splodietli bomba oħra morfoloġika fejn widnejja.

"Ommi għandha tarbija", qaltli.

"Ommi min hi?" Staqsejtha jien pronta pronta ta' ċkejkna li kont, bla ma kont qiegħda nifhem x'jien ingħid. Daħket. U reġgħet daħket.

"Ara din", qalet," kemm hi babba. Ommi... l-mamma", reġgħet imbagħad b'mod ta' spjega bħal qisha qed tkellem il-vavi. Għax hi kienet ikbar minni mhux ħażin. U ħassitha superjuri. Kbira.

"Ommi ma tafx min hi, ċuplajs?"

"Leqq", weġibtha mill-ġdid. "U tarbija xi tkun?" Dak iż-żmien ma konniex nitwieldu intelliġenti daqs it-tfal tal-lum.

Reġgħet daħket bil-qawwi.

"Tarbija hija tifel jew tifla bħali u bħalek, imma iżgħar. Tiġi llum imkebba fil-fisqija bit-taxi mid-dar tar-Rabat fejn ommi xtratha lbieraħ. U billejl tibki biex tixrob u ma tħallikx torqod. Yupp!. F'dal-każ hu tifel u ommi qalet se ssemmih Leli".

Għollejt spallejja biex ma nurihiex li nkeddejt. Li kont qed ngħir għax issa ma kontx iktar il-fessuda. Naħseb li kienet l-ewwel reazzjoni serja u negattiva ta' ħajti.

* * *

Imma llum xort'oħra. Illum ma ġietx ħdejja biex tagħtini l-aħbar bħas-soltu. Imma l-bomba splodithieli xorta waħda, b'fomm ħaddieħor. U did-darba ferietni wisq iktar minn qatt qabel.

Kont qed insajjar meta ċempel it-telefown.

"Hawnhekk mill-isptar Mater Dei. Int kellek oħtok jisimha Rosalba?"

"X'jiġifieri kelli?" Staqsejt imbeżża'. "Għandi trid tgħid".

"Jiddispjaċini ngħarrfek li mietet".

Waqa' ftit skiet. Forsi biex tħallini ntiegħem dak li qaltli. Imbagħad kompliet, "Fil-portmoni tagħha kellha n-numru tiegħek u għalhekk ċempilna lilek".

Hekk. Dak kollox. Bomba ta' sentenza li tinżel bħal kundanna fuq rasek u tnaqqaslek għoxrin sena minn ħajtek.

"Imma dan kif, x'ġara? Kif jista' jkun?" Tal-għaġeb kemm il-bniedem jaf ipoġġi domandi sussegwenti meta moħħu jingħalaqlu. Forsi biex isib tarf kif jistabilizza ruħu.

"Inċident tal-karozza. Ftit tal-ħin ilu. Tal-protezzjoni ċivili kellhom jaqtgħu l-bieba biex ħarġuha. Jiddispjaċini. Nistennewk l-isptar biex isiru t-tħejjijiet għall-funeral".

Daqshekk. Kollox kiesaħ u biered. Sajjetta fil-bnazzi. Oħti Rosalba, it-tfajla altruwista li kienet baqgħet id-dar biex iddur bil-ġenituri tagħna kienet telqet ħabta u sabta. Impulsiva sal-aħħar. U jien dejjem niġma' u nittertaq ġo fija bil-bombi għal għarrieda tagħha.

Burraxka ta' ħsibijiet bdew għaddejjin minn moħħi dak il-ħin. Issa kien hemm ħafna x'tagħmel fi ftit ħin. U jien iġġamjata fejn it-telefown qisni magna msadda li ilha ma titqabbad għomor. Jew arloġġ li waqaf għax spiċċalu l-ħabel. Le, ma jistax ikun li oħti tħallini hekk lampa stampa. U jien x'nagħmel mingħajrha? U ommi u missieri kif se jgħixu waħedhom? Min se jdur bihom, iżommhom indaf xummiema kif kienet iżżommhom hi? Mhux veru li mietet, din żgur xi ċajta goffa ta' xi ħadd biex jinkini.

"Hello, għadek hemm? Fhimtni sew? Nistennewk l-isptar malajr kemm jista' jkun".

Mela ma kinitx ċajta. Kien veru li kellha inċident tat-traffiku. Ippanikkjajt. Le, ma jistax ikun li nsofru firda oħra. Jaqaw il-mewt ta' ħija Pawlu ma kinitx għalja



biżżejjed għall-familja? Għaliex għalja oħra Mulej? Għax hi? Għaliex kontra l-ordni tan-natura, fil-familja tiegħi, il-ħrief qed imutu qabel in-nagħaġ? U l-ġenituri? Dawk ma ġewx maħluqa biex jaraw lil uliedhom jindifnu qabilhom. Kont smajt li fil-ħajja tal-bniedem ċerti ċirkustanzi jagħtu lok għal rit ta' passaġġ: dawk l-istanzi u l-aċċettazzjonijiet meħtieġa u dawk il-ħsus li wieħed jesperjenza wara d-dehxa ewlenija sa ma jsir dak li għandu jsir u l-ħajja terġa' lura għar-rutina tas-soltu. Bħal meta tifla ssir xebba. Kif l-omm tippreparaha biex meta l-waqt jasal, hi ma tinħasadx u tkun taf eżatt x'għandha tagħmel. Kif tagħraf issib dak il-waqt propizju biex issibha waħedha, kif tasal għalli trid tgħid bla ma toqgħod iddur mal-lewża minkejja kull sikkatura li s-suġġet, forsi meqjus xi ftit tabù, kien jippreżentalha. Kulħadd jgħaddi minnu dan l-inkubu xi darba. Minnufih ftakart f'Federico Garcia Lorca u f'kemm bata sa ma rrassenja ruħu għall-mewt ta' ħabibu l-ġellied tal-barri Ignacio Sanchez Mejías. Għax il-bniedem ma jiflaħx għal kollox f'daqqa. Jagħmel pass pass, jinfeda tikka tikka.

U mhux hekk ukoll jiġri meta jkun hemm żwieġ fil-familja. Moħħi mar lura xi ħames snin. Mhux hi ferħitli l-ewwel waħda għad li naħseb xtaqet kienet f'posti, u waqfet miegħi mill-bidu sal-aħħar, sa ma lestejna t-tħejjijiet u l-ilbiesi kollha ta' kulħadd. Mhux hi kienet li libbsitni minflok ommi dakinhar, u poġġietli b'imħabba u kważi devozzjoni l-mant tat-tulle fuq rasi minħabba li ommi kienet sfat paralizzata ftit qabel? U kemm kienet ippruvat taħbi d-dmugħ ta' fuq xfar għajnejha biex jien ma nintebaħx li kienet tibki. U kemm kienet daret bija meta kelli l-ewwel tarbija. Kif nista' ninsa dak li kienet għamlet miegħi?

Kemm kienet b'saħħitha meta kienet mimlija bil-għomor! Kemm kienet determinata! Kemm kienet twajba għalkemm impulsiva! U issa m'għadhiex! Issa

milli qaluli kienet fdal ta' ġisem mgħaffeġ, bla nifs, bla lewn, bla ħajja. Fjura niexfa. Bla bombi iktar x'tisplodili. U jien għotort fl-erba' stazzjonijiet ta' dulur il-bniedem: is-sens ta' inkredulità, dak ta' rabja, ta' aċċettazzjoni u fl-aħħar dak ta' rassenjazzjoni. U biex indewwi l-ġerħa moħħi dlonk fetaħ l-album tal-memorji. Insuq. Nipperċepixxi. Ngħożż. U dortu mentalment naqra naqra, sal-aħħar dettal li l-qalb aħwija ppermettietli li nirrikonoxxi. Dejjem kienet titkellem għalija! Għall-kuntrarju tagħha, jien qatt ma kont ninqala' biex nesprimi ħsibijieti. Kont nirgħex. Forsi għax kont nibża' li ngħid xi ħmerija. Jew forsi għax kont nemmen li aħjar kelma nieqsa milli waħda żejda. U hi erħilha ċċanfarni bil-ħlewwa. Tkunx belha. Tkunx ċuċ. Li tħoss għidu għax inkella jibqa' balla fuq l-istonku. U issa telqet bħal żiffa riħ. Bħal nifs li joħroġ u lura ma jidħolx. Kemm kienet kiefra l-ħajja!

*   *   *

Il-karozza donnha rabbiet il-ġwienaħ u s-saqajn. Donnha li waslet waħedha l-isptar. Matul it-triq ma kontx qed nara t-traffiku ta' madwari daqs kemm kont qed naħseb kif se nagħti l-aħbar lil ommi u missieri anzjani. Din l-għalja żgur ma jifilħux għaliha. Kif se ngħidilhom li l-anġlu kustodju tagħhom, l-id il-leminija, kien telaqhom. U issa sfaw bla ħajt tal-kenn. Bżajt, iktar għalihom milli għalija.

Fis-sala tal-isptar iddepożitajt ħwejjiġha man-nurse li kellmitni. Ma ridtx naraha. Ridt nibqa' niftakarha kif aftha f'ħajjitha. Il-bomba-koloss.

Fi kwarta kont barra mill-ġdid. Ma kienx hemm x'toqgħod tagħmel. Irrid jew ma rridx kienet salpat u jien kien se jkolli naċċetta s-sitwazzjoni. Ma stajtx inreġġa' lura dak li seħħ. Issa kien imiss lili li nagħti din l-aħbar kerha lil ommi u missieri u nagħmel l-arranġamenti meħtieġa għall-futur tagħhom. U wara jkun hemm ħin fejn nibki kif kont bkejt lil Pawlu. Iżda għalissa jeħtieġli nkun kuraġġjuża u soda bħal fortizza. U moħħi beda jfassal is-sentenzi tal-aħbar imbenġla, tal-imrar imħallat kemm jista' jkun biz-zokkor biex it-togħma ma tqarrasx. Mentalment, bdejt inkejjel l-ammont ta' kemm qalb fraġli tista' tiflaħ tissaporti. Intbaħt li issa li x-xokk kien qed jgħaddili, kont bdejt naċċetta t-telfa u ttamajt li kif għamilt jien jagħmlu ommi u missieri. Li f'temp ta' nofs siegħa kont wasalt f'fażi avvanzata tar-rit tal-passaġġ. Li rrassenjajt ruħi għal li ġara u stajt nintelaq fi ħdan il-memorja biex tfarraġni. Inwettaq traġitt ċkejken ieħor. U f'daqqa waħda, bla mistenni, bdejt insensel litanija ta' attributi li kont nara f'qalb Rosalba. U bħal fiqt minn xi marda misterjuża. Iġġeddidt. Immaturajt. Issaħħaħt. Kelli nagħmel il-qalb. Kelli.

Mal-ġenb tat-triq jien u sejra lejn dar ommi, is-siġar bdew iżiġġu bħad-dgħajjes tal-qlugħ mitluqin għar-riħ. Bħal meta kont riekba magħha fi triqitna lejn id-dar minn kunċert operistiku.

"Lil Arthur għedtlu le. Tlaqtu", kienet qaltli bla mistenni f'nifs wieħed bħal min jonfoħ 'il barra minn ħalqu d-duħħan ta' sigarett. Bomba oħra minn dawk li tant kienet famuża għalihom.

"Għala?" Kienet ħarġet naturali l-mistoqsija. "Daqs kemm jixraqlek!"

"Hekk, biex nibqa' nieħu ħsieb ommi u missieri. Xi ħadd irid ikun, le?" U għolliet spallejha u ħarset in-naħa l-oħra biex jien ma narax id-dmugħ iġelben ma' ħaddejha. U dak il-ħin xi ħaġa li tissejjaħ ammirazzjoni daħlet tgħammar f'rokna vojta ġewwa fija.

*   *   *

Irħejt kemm kemm il-pedala tal-gass minn taħt saqajja. Qalbi bdiet tħabbat mgħaġġel. Kont kważi wasalt. Ħarist lejn l-għadira minn bejn iz-zkuk tas-siġar biex forsi nilmaħ il-mogħdija fiddiena tal-qamar tistrieħ fuq wiċċ l-ilma li tant kienet taffaxxina lil Rosalba. Imma l-qamar ukoll donnu kien bil-luttu. Jaqaw huwa wkoll kien intebaħ? Jaqaw huwa wkoll kien libes l-iswed u rtira xi mkien għalih waħdu bħal kelb muġugħ jilgħaq il-ġrieħi tiegħu biex jieħu sehem miegħi fir-rit tal-passaġġ? Erġajt għafast il-gass bħal min irid ifittex jitbiegħed minn xena makabra u hemm, kif dort il-liwja, tfaċċa quddiemi, bħal anġlu tad-dawl, il-kanċell ta' dar ommi. Bis-sejf li kien sejjer jinfidha għal-lest fuq il-ponta ta' lsieni, ħabbatt darbtejn fuq il-bieb tal-iroko, b'intervall qasir bejn taħbita u oħra. Kien il-kodiċi sigrieta ta' bejnietna biex jgħarfuni qabel jiftħu. Biex ma jinħasdux. Mur għidilhom x'ħasda agħar kont sejra nagħtihom.

Li donni kont ser niret l-irwol t'oħti!

## ĦITAN TAS-SEJJIEĦ
**Rakkont ta' Lina Brockdorff**

Kont għadni ma wasaltx fil-quċċata tat-trejqa tal-irdum u bżajt li ser inkun tard wisq biex nilħaq nitpaxxa bl-aħħar sekondi tad-dehra tax-xemx qabel tgħib wara x-xefaq. Għalhekk waqaft. Xtaqt ingawdi dak il-ġmiel minn fejn kont, biċċa 'l isfel minfejn stajt nara aħjar l-imrieżaq dehbin u fietla minn qrib ħajt tas-sejjieħ baxx. Ftit waqtiet oħra u x-xena tinbidel għal kollox.

Bdejt nitbissem u għidt lili nnifsi; "dalwaqt jagħfas is-swiċċ tar-reżistenza," u tabilħaqq hekk kien. Għax il-Ħallieq li "minn dawn l-għeġubijiet jagħmel mija kuljum u mija jħassar" f'kemm trodd salib beda jroxx id-dlam u kollox ħa sura differenti. Veru differenti, imma xorta sabiħ u artistiku. La ma kienx għad kelli ħsiebi fix-xemx u l-ilwien stupendi tagħha għax kollox beda jinsatar fid-dlam, bdejt nintebaħ b'ċerta tifsila f'dik is-saltna żgħira blatija.

Rajt fil-ftit dawl li kien fadal, linji twal kemm dritti u kemm mgħawġin, paralelli u oħrajn li mhumiex – linji ta' ħitan tas-sejjieħ. Ħassejt f'dik l-istruttura ċertu seħer, ċertu misteru, u wara ftit li domt niċċassa lejhom fakkruni fir-rigi, ċrieki u tundjaturi tal-ġeometrija li fi tfuliti tant ħawduli rasi. Inġbart lejn dari imma bqajt nhewden fuq il-ħitan tas-sejjieħ.

Kos, ħelwin dawn il-ħaljin ħitan tas-sejjieħ! Min jaf kemm il-mijiet ta' mili ta' ħitan minnhom hawn f'dawn il-gżejjer tagħna!

Għalija, il-ħitan tas-sejjieħ huma tipikament Maltin, għandhom karattru Malti daqskemm għandu l-istess ilsienna, id-dgħajjes, il-pal tal-bajtar u l-bizzilla. Huwa ħaġa waħda m'artna u jaqblu fil-lewn u fis-sura man-nisġa ġenerali tal-ambjent tagħna. Ara kemm hu hekk: ħares lejn xi pittura, ritratt jew sempliċiment tpinġija ta' ftit ġebel mhux minġur imqiegħed fuq xulxin u ħsiebek mill-ewwel jittajjar lejn ħbula għelieqi mtarrġin, biswit xulxin u li jiffurmaw il-qsim tar-raba' ta' gżirijietna.

Nafu tajjeb li dawn il-ħitan, bħal pal tal-bajtar u xi għamliet oħra ta' dgħajjes mhumiex tagħna biss, insibuhom fi mkejjen oħra tal-Mediterran, imma dan ma jfissirx li ma nistgħux niftaħru bihom aħna wkoll. La Malta kollha miksija bihom għandna kull dritt li nsejħulhom tagħna.

Ngħiduha bla tlaqliq – l-isem li bih nafuhom 'ħitan tas-sejjieħ' – xejn ma hu xi isem poetiku, li jitla' fil-għoli jew li b'xi mod tasssoċjah ma' xi ġmiel jew saħħa dejjiema. Għall-kuntrarju, il-qawl tax-xjuħ tagħna kien jgħid: "Ħajt tas-sejjieħ la jaqa' jistrieħ," u skond Vella fil-frażijiet idjomatiċi: "ħajt tas-sejjieħ" jew "serraħ dahru ma' ħajt tas-sejjieħ", dejjem toħroġ ċara t-tifsira li ħajt tas-sejjieħ ma tantx għandu forza, mhux ta' min iserraħ miegħu, tafdahx. L-istess jaħsibha Ivo Muscat Azzopardi meta jikteb hekk dwaru: "Ħaġar mhux minġur tal-qies u mibni fuq fuq, bla tajn, fin-niexef; ħajt ta' għalqa, baxx u mibni bla tikħil, u qiegħed biss biex jifred ir-raba' ta' sidien ġirien." Oħrajn huma tal-fehma li ngħidulhom "tas-sejjieħ" għax jekk twaqqa' waħda hi ssejjaħ oħra u dritt jinżel il-ħajt kollu.

B'dakollu tgħidx kemm jogħġbuni dawn il-ħitan tas-sejjieħ. Jekk tinzerta fuq ajruplan matul il-jum u tħares 'l isfel lejn il-ftit irqajja ta' ħamrija li fadlilna, ma tridx wisq biex timmaġina li taħtek hemm żewġ xehdiet kbar tal-għasel bi ftit ikħal bejniethom. Il-ħitan tas-sejjieħ li jżommu kull roqgħa ħamrija qishom dik ix-xama' madwar il-għasel għax saħansitra lewnhom mhux 'il bogħod minn dak tal-għasel, l-aktar tul il-jiem sajfin taħt il-bewsa sħuna tax-xemx tagħna.

Malli jirnexxilek tiżgiċċa minn nofs l-ibliet, hemm issibhom is-swar ċkejkna iserrpu tul il-gżejjer tagħna. Għax tabilħaqq qishom ulied żgħar ta' dawk il-missirijiet felħana li jgħassu l-portijiet u l-ibliet antiki tagħna. Iduru dawra durella ma' kull roqgħa ħamrija,



ftit filati fuq xulxin ġebel imdaqqas u oħrajn ftit akbar; rari lixx u tond bħal dawk ta' xatt il-baħar iżda aktarx ippuntat u bit-toqob. Liema jdejn godlija bnewhom? Kienu żgur idejn ta' min jaf xi jfisser xogħol iebes, xogħol ta' dik is-sengħa partikolari li jistħoqqlu kull rispett.

U tgħid minn fejn kienu jsibu dak il-ġebel kollu? Aktarx li l-ewwel ġebliet ħarġu mill-istess ħamrija eluf ta' snin ilu. Il-bennej, li kien ukoll il-gabillot u sid l-għalqa ħtieġlu jorqom l-art, iwarrab dak il-ġebel u hekk iħalli ħamrija lesta biex tinħadem u kapaċi troddlu l-għijxien. Mhux ħaġa kbira li hu beda jwaddab lejn xi rokna kull ġebla li tiġi taħt idejh sa ma kellu borġ ġmielu u dan seta' tah l-ewwel idea li jsawwar ħajt bih. Seta' ġab aktar ġebel minn xi għerien fejn il-ġebel jinqata' u jinżel waħdu minn żmien għall-ieħor, waqt li oħrajn inqatgħu meta l-bniedem xtaq jillixxa xi ħotob f'dawk li saru l-ewwel toroq bikrin. Aktarx li tgħallem li dak il-ħajt dgħajjef kemm hu dgħajjef, bħala kostruzzjoni kellu vantaġġ li ħitan oħra mkaħħlin żgur ma kellhomx  u dan kien il-fatt li l-ilma tax-xita jista' jgħaddi u joskula minnu wara li l-ħamrija tkun ħadet biżżejjed u b'hekk ma jgħargħarx u jirvina l-għalqa.

Issib uħud minn dawn il-ħitan li huma singli u ta' ġebel ftit kbir, iżda l-biċċa l-kbira huma dobbli bil-ħamrija bejniethom. Aktarx baxxi ħlief fejn issibhom bħala lqugħ għall-ħamrija għolja jew blat. Drabi l-ħajt ikun baxx biżżejjed biex sid l-għalqa jaqbżu waqt li jqabbeż miegħu l-għodda u ż-żrieragħ flimkien mal-uċuħ li jiġbor mill-għalqa.

Lejn ix-xaqliba tal-għolja tal-Baħrija u l-Kunċizzjoni hemm xi għelieqi li fis-sejjieħ tagħhom hemm tliet tarġiet. Drabi oħra ssib rixtellu jew grada inkella passaġġ ċkejken. B'xorti ħażina, mit-Tieni Gwerra 'l



hawn tankijiet imsaddin saru ħbieb tas-sejjieħ u ssibhom flok xi rixtellu jew minflok xi biċċa mill-ħajt stess fejn dan għeja u ċeda. Agħar mit-tankijiet, relikwija oħra tal-istess perjodu qerriedi hu dak il-wajer imxewwek u msaddad li barra li jkerrah kulfejn ikun, jislitlek stmerrija għal min jasal biex jivvinta għodod ta' gwerra kontra ħutu bnedmin oħra.

Issib minn dawn il-ħitan tas-sejjieħ ukoll madwar ġonna ta' djar antiki. Rajt minnhom Ħal Lija, Birkirkara u tas-Sliema waqt li għandi nifhem li ssib minnhom fi bnadi oħra. Aktarx li dawn ikunu miżmuma ftit aħjar minn dawk li nsibu madwar l-għelieqi. Mhux ħaġa kbira li tara xi ħajt tas-sejjieħ f'nofs għalqa imbiegħed mir-raħal u li dan jieqaf ħesrem għax biswitu hemm grada kbira tal-aluminju li turi li fil-qrib inbniet dar kbira jew villa.

Dawn il-ħitan tas-sejjieħ ikunu fl-aħjar tagħhom fir-rebbiegħa meta fuq rashom u madwar riġlejhom tperper ix-xitla tal-qarsu bil-bnadar sofor u ħodor li mhux l-ewwel darba jirnexxilhom joħorġu rashom saħansitra minn bejniet il-ġebel! M'hemmx għalfejn ngħidu li dawn il-ħitan huma miżgħuda bil-gremxul, xaħmet, bebbux, grieden, firien, qniefed u Alla biss jaf kemm aktar annimali żgħar u insetti oħra. Fosthom, skont kif sirna nafu dawn l-aħħar snin fihom issib ukoll il-bejta ta' ċerta nemusa jew kif inhi magħrufa bl-Ingliż "sandfly" li ġġorr magħha l-marda kerha 'leishmanasis' li taf tattakka u toqtol b'mod kiefer lill-klieb u mhux l-ewwel darba lill-bniedem ukoll.

Ġieli qrajna jew smajna li bosta snin ilu kienet drawwa fost il-bdiewa li jaħbu xi landa jew bott mimli liri tad-deheb fil-ħamrija jew bejn il-ġebel tas-sejjieħ, bla ħadd biex jgħasses, għajr xi naffar imċewlaħ! Tgħid minnu dan?

Xejn ma juri ta' min hi l-għalqa, xejn marki u xejn kitba għajr it-tlitt ittri mħarbxin RTO biex iwiddbu li s-sid ma jridx min jirfes mis-sejjieħ 'il ġewwa. U miskin hu min jażżarda!

Mhux l-ewwel darba li wara dawn il-ħitan jew iserrħu magħhom (meta ma jgħattuhomx għal kollox) issib il-pal tal-bajtar tax-xewk jew tilmaħ xi ħarruba xiħa għolja li ddellel  lis-sejjieħ. Drabi hemm xi siġra tat-tin jew xtieli tas-sardinell li l-ward roża u aħmar tagħhom jagħmel kuntrast ħelu mal-kannella tal-ħamrija u mal-lewn gallettini tas-sejjieħ. Ġieli



f'rokna tas-sejjieħ, jew jista' jkun ftit imbiegħda minnu, tilmaħ xi girna li tant tixbah lis-sejjieħ fil-għamla tal-ġebel u l-istil li tkun mibnija.

Kemm ħadu xita u xemx! U matulkom ja snin kemm raw ġrajjiet iseħħu dawn il-ħitan! Fuq kollox għadek issibhom madwar il-Ġgantija, Ħaġar Qim, l-Imnajdra, Ta' Ħaġrat u mqades oħra tal-qedem. Aktarx li semgħu ilsienna bikri imħallat ma' dak barrani; semgħu il-karba tal-Malti mjassar u semgħu wkoll il-leħen żorr u mqit ta' min kien isus fuq missirijietna. Raw kemm-il taqtigħa, raw twelid u raw il-mewt, kienu xhieda ta' kliem ħelu u t'imħabba minn fomm namrati, waqt li kienu xhieda wkoll ta' kliem il-qarrieq mimli ħjiena li ried jiżgiċċa u jistaħba fid-dlam bil-fehma ta' delitti faħxin. Dawn il-ħitan raw ġenerazzjonijiet jagħmlu lok għall-oħrajn ta' warajhom, raw drawwiet jinbidlu, raw bnadar ta' setgħat iqaċċtu waħda 'l oħra. U llum qed jaraw u jisimgħu l-ġenerazzjoni tal-karozzi bil-radju jgħajjat u jħanxer.

Min jaf kemm iħossuhom mikduda, li biss setgħu jitkellmu! Li biss setgħu ixerrdu d-dmugħ għall-għelieqi li llum battala u li dari kienu miżgħuda bl-ulied; ulied li bħall-antenati tal-qedem ħassew ġo demmhom ix-xenqa li jgħosfru u għalhekk baħħru u ħallew l-għelieqi orfni. M'għandniex xi ngħidu, setgħu jibku wkoll għall-għelieqi li llum m'għadhomx magħna. Imma b'xorti tajba qalbhom hi taż-żonqor u għalkemm tixtarr kull ma jiġri u tibqa' mriegħxa, hi ma tinqasamx.

Tgħid għad jgħibu għal kollox minn fostna dawn il-ħitan tas-sejjieħ? Patri Marjanu Vella jislet il-kuntrast qawwi bejn il-konkrit u s-sejjieħ fil-poeżija 'Ħitan tas-Sejjieħ':

Sar il-miraklu tal-konkrit. il-ġebla
titħalla biss biex tifred ftit għelieqi
b'ħitan embewqa tas-sejjieħ li jagħżlu
pulzier minn ieħor ta' ħamrija għajjiena.

Jidher ċar minn dawn l-aħħar għaxriet ta' snin li bosta nies, fil-bruda tal-indifferenza, wara li jeqirdu jew jisirqu l-ħamrija u s-sejjieħ jeħduhom ġo darhom. Hemm jużawhom biex itellgħu speċi ta' mafkar lis-sejjieħ oriġinali basta jinsab taħt għajnejhom, fejn igawduh huma biss! Hawn min isejjaħlu 'gagazza' billi jiksi ġebel ieħor b'din l-imitazzjoni li titkaħħal biex iżżomm. Tip ieħor li jkun ċatt għal kollox għax jaqtgħu sitt faċċati minn kull ġebla tas-sejjieħ u dan jissejjaħ 'Ta' Rotin', li ħa ismu minn xi ħadd Malti li ftit tas-snin ilu kien l-ewwel li beda jużah.

Iżda, ngħid għalija xejn ma jizboq is-sempliċità tal-qedem u s-sbuħija naturali tal-ħitan li bnew nannietna. Fihom nara ħoloq ta' katina li mhux biss iddur ma' gżirijietna, iżda li tgħaqqadni ma' dawk li ġew qabli u ma' wlied uliedi li għad jiġu warajja jekk ikollhom ix-xorti li jsibhom hemm. Għalija m'hemm xejn iktar ta' mistrieħ milli nkun imbiegħda mill-ħsejjes tal-ibliet u nieqaf qrib wieħed minn dawn il-ħitan fejn "kull ħoss imut fis-skiet".

## IL-POETA U L-ĠENERAL

### Kitba ta' Mary Chetcuti

Kemm il-Poeta kif ukoll il-Ġeneral ħabbew lil pajjiżhom. Iċ-Ċili kien art twelidhom u demmhom kien ibaqbaq bil-patrijottiżmu. Id-differenza bejniethom kienet li Pablo Neruda għaxxaq u għamel unur lil pajjiżu bil-letteratura romantika filwaqt li Augusto Pinochet itterrorizza popolazzjoni sħiħa meta ħataf il-gvern f'idejh u waqqaf dittatura Faxxista.

Augusto Pinochet Ugarte kien dixxendent ta' immigranti Franċiżi li, aktar minn mitt sena qabel twelidu fl-1915, kienu marru jfittxu futur fl-Amerika t'Isfel u għażlu ċ-Ċili bħala d-dar ġdida tagħhom. Ta' 18-il sena Pinochet kompla l-istudji tiegħu f'Akkademja Militari mnejn iggradwa bħala sottotenent.

Augusto Pinochet ibbrilla fil-karriera militari tiegħu u f'qasir żmien inħatar kmandant ta' ħabs għad-dissidenti Komunisti. Fl-1948, Pinochet iltaqa' għall-ewwel darba mas-Senatur Soċjalista żagħżugħ, Salvador Allende, meta dan tal-aħħar għamel żjara fil-ħabs.

Meta Salvador Allende rebaħ l-elezzjoni ġenerali tal-1970, għolla lil Pinochet għal kmandant tat-truppi ta' Santiago. Barra minhekk, il-President Allende riedu ħdejh biex jgħinu fit-tmexxija u t-titjib tal-ekonomija tal-pajjiż.

Għalkemm il-Gvern Soċjalista ta' Allende wettaq riformi kbar biex jgħolli l-għajxien tal-poplu ħaddiem, wettaq riformi fl-edukazzjoni u s-saħħa u nnazzjonalizza parti kbira mill-industrija tal-minjieri tar-ram, hu sab ma' wiċċu konfrontazzjonijiet kbar mill-klassijiet għolja tas-soċjetà, negozjanti u saħansitra mill-Knisja Kattolika.

F'kemm trodd salib, il-pajjiż infena b'azzjonijiet industrijali xprunati u ffinanzjati mis-servizzi sigrieti tal-Istati Uniti tal-Amerika. L-inflazzjoni għolliet rasha u l-koalizzjoni governattiva nqasmet. Hawnhekk bdiet issir pressjoni fuq Salvador Allende biex iwarrab iżda hu ppropona li jħalli din id-deċiżjoni f'idejn il-poplu Ċilen permezz ta' referendum. F'nofs dan il-kaos kollu, Allende ħatar lil Pinochet Kap Kmandant tal-qawwiet militari kollha; kienet deċiżjoni żbaljata b'konsegwenzi diżastrużi.

F'inqas minn għoxrin jum mill-ħatra tiegħu u bl-



**Pablo Neruda**

għajnuna tas-CIA, fil-11 ta' Settembru 1973, il-Ġeneral Augusto Pinochet ordna lill-armata biex taħtaf kapitali Santiago f'idejha. Fl-istess waqt ordna li jsir attakk mill-ajru fuq ir-residenza ta' Allende, fejn wara ntqal li l-President ipprefera jneħħi ħajtu b'idejh milli jaqa' priġunier ta' Pinochet. Kif tassew seħħet il-mewt ta' Salvador Allende għadu suġġett dibattibbli sal-lum. Pinochet għamel lilu nnifsu kap ta' ġunta militari u ħa t-tmexxija taċ-Ċili f'idejh; minn hawn beda t-terrur.

B'mod immedjat bdew isiru arresti sistematiċi ta' persuni b'fehma Soċjalista jew Komunista, ġew interrogati taħt tortura biex jikxfu lil sħabhom u parti kbira minn dawn in-nies għosfru u ħadd ma jaf x'sar minnhom. Fl-ewwel tliet snin mid-dittatura ta' Pinochet ġew arrestati xejn inqas minn 130,000 ruħ.

Pablo Neruda, il-poeta u kittieb rebbieħ ta' Premju Nobel għall-Letteratura, b'karrieri twila diplomatika u ħabib kbir ta' Salvador Allende, twaħħax b'dan kollu u ddeċieda li jitlaq miċ-Ċili minħabba li kien Komunista magħruf.

Għat-tieni darba f'ħajtu beda jipprepara biex imur jgħix fl-eżilju, però, eżatt qabel kellu jitlaq lejn il-Messiku, Neruda rċieva telefonata biex jagħmel viżta fil-Klinika Santa Marija f'Santiago, fejn kien ilu għal xi żmien jingħata kura għal kanċer tal-prostata. Minn dakinhar saħħtu marret lura u ma setax jivjaġġa. Pablo Neruda miet fit-23 ta' Settembru 1973 fl-età ta' 69 sena, tnax -il jum biss wara l-kolp ta' stat ta' Pinochet.

Ir-reġim ta' Pinochet għamel minn kollox biex jipposponi l-funeral tal-poeta 'tal-poplu'. Madankollu, xahrejn wara mewtu, Neruda ittieħed għad-difna fost biki, kant ta' innijiet u l-għajta ta' 'Neruda qiegħed magħna!'. Attendew aktar minn għaxart elef ruħ u kienet l-unika darba tul id-



Augusto Pinochet

dittatura kollha ta' Pinochet li l-poplu Ċilen irnexxielu jagħmel dimostrazzjoni pubblika. Bi tpattija s-suldati tar-reġim daħlu f'dar il-poeta u qerdu x-xogħlijiet letterarji tiegħu kollha.

Il-Ġeneral Pinochet mexxa renju ta' terrur sakemm għamel attentat biex ibiddel il-kostituzzjoni favurih u ġie mġiegħel iċedi l-presidenza fl-1988, imma baqa' jżomm postu bħala Kap Kmandant tal-Armata sal-1998. Kemm dam president kien involut sew fil-pjan 'Operazzjoni Condor', fejn b'kollaborazjoni mal-Arġentina, il-Brażil, il-Bolivja, il-Paragwaj u l-Urugwaj inħatfu u għebu għall-dejjem dissidenti xellugin. Il-pjan ma kien xejn għajr kaċċa illegali għall-oppożituri tal-lemin estrem u għaldaqstant qatt ma tista' tingħata ċifra eżatta tal-vittmi; madankollu stima probabbli tammonta għal mijiet ta' eluf ta' rġiel, nisa u membri tal-kleru.

Iżda d-dnub ma jorqodx għax f'Ottubru 1998, waqt li kien fuq żjara medika fir-Renju Unit, il-Ġeneral Pinochet sab ma' wiċċu proċeduri legali kontrih mill-Qorti Spanjola li talbet l-estradizzjoni tiegħu filwaqt li akkużatu b'ġenoċidju u terroriżmu mwettqa fuq eluf ta' dissidenti b'dixxendenza Spanjola.

L-eks Prim Ministru u ħabiba antika tiegħu, Margaret Thatcher, ma qagħditx lura u pubblikament esprimiet id-diżapprovazzjoni tagħha għal din l-estradizzjoni. Sadanittant hu baqa' jinżamm arrestat f'daru ġewwa r-Renju Unit sakemm, fis-sena 2000, l-avukati tiegħu irnexxielhom jissospendu l-ġuri fuq l-argument li kien qed ibati mid-dimensja. Augusto Pinochet miet fl-2006 bla ma ħallas għall-għemil kriminali tiegħu.

Wieħed mill-vittmi tad-dittatur probabbilment kien il-poeta Pablo Neruda. L-ewwel ma tkellem kien ix-xuffier tal-istess poeta meta fl-2011, waqt intervista ma' rivista Messikana, stqarr li Neruda kien qallu kif inħakem minn deni qawwi immedjatament wara li ngħata injezzjoni dakinhar li żar il-Klinika Santa Marija. F' April tal-2013 il-fdalijiet ta' Pablo Neruda ġew eżumati u saru eżamijiet forensiċi fuqhom minn esperti Ċileni, Amerikani, Spanjoli u Żvizzeri li ddikkjaraw li ma sabu l-ebda ħjiel ta' sustanzi tossiċi, iżda l-każ ma ngħalaqx.

Il-familja ta' Pablo Neruda baqgħet tinsisti għall-verità u fl-2015 saru aktar eżamijiet forensiċi biex sa fl-aħħar instabu traċċi ta' proteina mhux kompatibbli mal-marda li kellu.

Eduardo Frei Montalva, oppożitur ieħor ta' Pinochet, kien miet fl-1982 fl-istess klinika wara li saritlu operazzjoni żgħira. Fl-2006 ġie kkonfermat li l-mewt ta' Montalva kienet ikkawżata minn gass tossiku.

Aktar tard fl-2015, il-Ministeru tal-Intern Ċilen stqarr li huwa possibbli u wisq probabbli li terzi persuni kienu responsabbli għall-mewt tal-poeta nazzjonali Pablo Neruda.

## THE DICTATORS

An odor has remained among the sugarcane:
a mixture of blood and body, a penetrating
petal that brings nausea.
Between the coconut palms the graves are full
of ruined bones, of speechless death-rattles.
The delicate dictator is talking
with top hats, gold braid, and collars.
The tiny palace gleams like a watch
and the rapid laughs with gloves on
cross the corridors at times
and join the dead voices
and the blue mouths freshly buried.
The weeping cannot be seen, like a plant
whose seeds fall endlessly on the earth,
whose large blind leaves grow even without light.
Hatred has grown scale on scale,
blow on blow, in the ghastly water of the swamp,
with a snout full of ooze and silence.

**PABLO NERUDA**




## MONSINJUR ARĊIDJAKNU LUIĠI VELLA - MIET 90 SENA ILU!

### Kitba tal-Kav. Joe M. Attard

Illum xtaqt niġbdilkom l-attenzjoni għeżież qarrejja dwar wieħed mill-Għawdxin kbar li għenu ħafna bil-kitba tagħhom biex jixxerred il-qari Malti u jibda jieħu xejra mirquma bħalma ħa llum; qed nirreferi għall-magħruf kittieb Monsinjur Arċidjaknu Luiġi Vella, li iktar tard din is-sena se jkun qed jagħlaq disgħin sena minn mewtu.

Monsinjur Vella twieled fil-Belt Victoria fis-17 ta' Diċembru 1859. Fl-età ta' tnax-il sena Luiġi daħal fl-iskola Sekondarja tal-Gvern u wara ħames snin, għadda għas-Seminarju t'Għawdex, dak iż-żmien taħt idejn il-Patrijiet Ġiżwiti. Fi żmien għaxar snin huwa spiċċa l-istudji tiegħu u ġie ordnat Saċerdot fid-19 ta' Diċembru 1882. Meta ħalla s-Seminarju wara li kien qagħad għal xi snin bħala Prefett u Surmast, Dun Alwiġ ta ruħu u ġismu għall-ħidma saċerdotali. Insibu li ta' kull fil-għaxija, huwa kien jiġbor it-tfal, il-ġuvintur u l-irġiel, l-aktar dawk bierda u traskurati, fil-knisja ta' Savina biex jgħallimhom u jressaqhom lejn is-Sagramenti Mqaddsa.

Fis-sena 1887 huwa sar Kappillan fl-isptar Ċivili ta' beltna fejn dam għal madwar tnax-il sena. Kien ilu sbatax-il sena Saċerdot meta Dun Alwiġ ġie maħtur Kanonku Teologu fil-Knisja Katidrali wara eżami kompetittiv. Wara eżami ieħor, fl-1900, Monsinjur Vella ħa l-lawrja fit-Teoloġija. Disa' snin wara, Dun Alwiġ inħatar biex jokkupa l-katedra tat-Teoloġija Dommatika fis-Seminarju t'Għawdex u dam Professur ta' din ix-xjenza sagra għal tmintax-il sena.

Monsinjur Vella mhux biss bħala Predikatur u Professur kien jaqdi d-dmirijiet saċerdotali tiegħu. Kien ukoll Direttur Spiritwali tas-Sorijiet Dumnikani u Franġiskani u Konfessur imfittex ħafna għal erbgħin sena sħaħ.

Monsinjur Vella għamel opri kbar fil-Knisja tal-Adorazzjoni ta' Savina. Fl-1902 huwa ta bidu sabiex jibni mill-ġdid il-knisja l-qadima. Din tlestiet fid-29 ta' April 1923, meta l-Kardinal Testaferrata, Legat tal-Papa, fetaħha bħala l-Knisja tal-Adorazzjoni Perpetwa. B'sodisfazjon ngħidu li din il-knisja għadha wieqfa u għadna nsibuha miftuħa l-ġurnata kollha sajf u xitwa biex tilqa' fih adoraturi mhux biss minn Għawdex u Malta imma wkoll ħafna barranin li ta' spiss ninnutahom jidħlu jagħmlu xi żjara qasira meta mhux ukoll biex jiġbdu xi ritratt ta' tifkira waqt il-btala tagħhom. Illum din il-Knisja tal-Adorazzjoni jieħu ħsiebha Monsinjur Dun Gużepp Gauci, mgħobbi sew bis-snin li ħa post ħuh Alla jaħfirlu l-Arċidjaknu Mons. Giovanni Bosco Gauci li jiġi mill-qrib sew Mons. Luigi Vella. L-Isqof Camilleri kien ħatar lill-Monsinjur Luiġi Vella bħala l-ewwel Rettur tagħha. Għall-attivitajiet kbar tiegħu, il-Papa Piju Ħdax żejjen lill-Monsinjur Vella bil-Medalja Benemerenti filwaqt li l-Papa Leone Tlettax kien tah id-dekorazzjoni "Pro Ecclesia et Pontefice". Il-Papa llum qaddis San Piju Għaxra, ried jaħtru bħala Kuġitur tal-Arċisqof Pietru Pace ta' Malta – unur u piż li fl-umiltà tiegħu, Monsinjur Vella beża' jaċċetta. Fit-12 ta' Marzu 1923, Ruma għażlitu Arċidjaknu tal-Katidral ta' Għawdex.

Imma Monsinjur Arċidjaknu Luiġi Vella jibqa' mfakkar mhux biss bħala Rettur u Kanonku tal-Katidral, imma wkoll bħala wieħed mill-aħjar Kittieba Għawdxin li tant ħadem bil-pinna tiegħu sabiex ixerred il-kitba bil-Malti fi żmienu. Vella kiteb bosta

kotba bil-Malti, kotba spiritwali tal-Meditazzjoni u l-Adorazzjoni, kotba fuq ħajjiet ta' martri u fuq il-Fidi, kotba storiċi fuq il-ġrajjiet tal-Gżira Għawdxija. Kien ukoll għal tant snin Direttur tal-Perjodiku "L-Ewkaristija – Ħabbar ta' Gesu Sagramentat". Qabel dan ix-xogħol kien joħroġ ta' kull xahar "Id-Devot ta' Marija". Bla dubju ta' xejn, ritratt l-aktar ġenwin u ċar ta' Monsinjur Luiġi Vella nistgħu neħduh bla tbatija mill-għadd kbir ta' kotba li hu ħalla warajh. Illum wara disgħin sena minn mewtu forsi ma fadalx Għawdxin li jiftakruh għax kieku kienu jistgħu jixhdu għall-qdusija u l-għerf tiegħu, imma l-opri tiegħu jistgħu jgħidulna sewwa xi kwalità ta' bniedem kien u ta' liema xorta kienu l-ideat tiegħu fuq il-ħajja, il-problemi u l-valuri tagħha.

Biex bena r-rumanzi storiċi tiegħu, l-Arċidjaknu Vella ħtieġlu kemm-il darba jqalleb fl-Arkivji ta' Sqallija. Bosta drabi huwa kien ixebbah x'qalu l-kittieba Għarbin u Sqallin ma' dak tal-kittieba Maltin, biex b'hekk jirnexxilu joħroġ b'fatti storiċi u konkreti, veri u eżatti. Huwa ta daqqa t'id siewja ħafna lis-Sur Fonz Marija Galea fil-kitbiet tiegħu "Mogħdija taż-Żmien". Insibu li f'din il-ġabra, in-numri 63, 69, 70 u 125 huma kollha miktuba minn dan l-istoriku tagħna. Fost ix-xogħlijiet tiegħu, għandna r-rumanz storiku *Nikol Abdul* jew aħjar "L-Aħħar snin tal-Għarab fil-Gżejjer tagħna", li jien kont imqabbad mill-Klabb Kotba Maltin biex nirrevedi mill-ġdid l-ortografija tiegħu biex seta' jiġi ppubblikat għal darba oħra u spiċċa anke snin minnhom fost il-kotba fis-sillabu tal-Matrikola tal-Malti. Barra dan il-ktieb, Mons. Vella ħallielna wkoll ir-rumanzi *Bint il-Ħakem*, *Ferdinandu Montanier* – storja Għawdxija, *Bernardo De Può* – rakkont Għawdxi fi żmien il-Gran Mastru D'Omedes, *Eufrosina* – warda rari ta' Marija, *Il-General Ruman*, *San Mamante* – rakkont tas-Seklu Tlieta, *Isolda* – rakkont Malti, kif ukoll *Abdullah Għaxrif*, li Mons Vella kiteb b'tifkira tal-Kungress Ewkaristiku f'Malta fis-sena 1913.

Għad li l-Ortografija tal-Malti ħadet xejra oħra miż-żmien li fih kiteb l-Arċidjaknu Monsinjur Luiġi Vella, jibqa' l-fatt li dan is-saċerdot kien wieħed fost il-kittieba ewlenin li ta lill-poplu bosta kotba reliġjużi, storiċi, kif ukoll tal-Mogħdija taż-Żmien. Huwa kellu pinna tajba, mexxejja u idjoma mill-aħjar. Xhieda ta' dan kollu hija s-silta qasira li aħna ħadna mir-rumanz storiku tiegħu *Nikol Abdul* u li biha naslu fi tmiem dan il-profil li jien xtaqt nikteb biex infakkar id-disgħin sena minn mewtu li ġrat fis-17 ta' Lulju 1928:

*Nikola ta' Abdul, jew kif kienu jsibuh l-Għarab, 'Ħalif', kien Għawdxi. Imrobbi tajjeb minn ommu fir-reliġjon nisranija u mbagħad minn Patri Gawdenz, mill-Kunvent tal-Madonna tal-Ferħ jew ta' Gajdoru, li dak iż-żmien l-Agostinjani kellhom fir-Ramla, f'żgħożitu, niesu bagħtuh Sqallija jitgħallem f'Paliermu, fejn sar jaf lil Tarik, u daħal fil-Milizia, f'riġment li kellu bi Kmandant tiegħu lill-istess Tarik. Mibgħut dan ir-Riġment f'Għawdex mill-Emir ta' Sqallija, Nikol ġie wkoll miegħu taħt l-istess Kmandant. Għalkemm Nikol kien jinsab qalb l-Għarab Missilmin, b'tiġrib kbir għal ruħu, huwa baqa' dejjem sħiħ fil-Liġi Nisranija u ħabib ta' Patri Gawdenz.*

*Barra minn ommu u missieru, Nikol kellu wkoll oħtu li kien jisimha Marija, xebba li fit-tjubija tagħha kienet aħjar minnu; bħalu mżejna bil-għaqal u għall-almu tagħha ħadd ma kien jeħodha. Sabiħa u ħelwa, iżda ftit sewdenija, Marija kienet maħbuba minn kull min kien jafha.*

**ĦAJKU**

Fir-raxx tal-baħar
tisma' l-għanja tad-dniefel
ifaħħru 'l Alla.

Fil-festi Maltin
ċapċip, briju, tiżjin
u l-knisja vojta.

Meta Alla ħalaq
l-annimali u t-tjur
bdiet il-mużika.

**AMANDA BUSUTTIL**




**L-ISTAR TAL-IMGĦODDI ta' Alfred Massa, Horizons, 2018.**
**Reċensjoni ta' Patrick Sammut**

Illum isem Alfred Massa huwa wieħed familjari ma' dawk kollha li jħobbu l-letteratura Maltija. Massa stess qatta' parti kbira minn ħajtu jagħti kontribut siewi u attiv f'dan il-qasam, kemm bħala editur ta' paġni letterarji, bħala membru ta' għaddiet letterarji differenti, bħala parteċipant attiv waqt programmi radjufoniċi u anki bħala President u issa President Onorarju tal-Għaqda Poeti Maltin. Kif nafu, huwa wkoll kittieb u awtur ta' numru ta' ġabriet ta' poeżija, ta' rakkonti, kif ukoll ta' għadd imdaqqas ta' rumanzi.

*L-Istar tal-Imgħoddi* ra d-dawl għall-ewwel darba fis-sena 1977 u kien ippubblikat mill-Klabb Kotba Maltin. Dak iż-żmien it-tipa kienet kemxejn irqiqa u r-rakkont kien jifrex fuq 90 paġna filwaqt li d-dedika kienet "Lil dawk kollha mjassrin mill-barrani." Is-sena 2018 rat it-tieni edizzjoni ta' dan ir-rumanz u dan proprju f'għeluq il-50 sena minn mindu l-eks Unjoni Sovjetika u dawk li kienu l-Qawwiet tal-Patt ta' Varsavja nvadew dik li kienet iċ-Ċekoslovakkja, bejn nhar it-Tlieta 20 u nhar l-Erbgħa 21 ta' Awwissu 1968. F'dan ir-rumanz rivedut u mmodernizzat, Massa żamm kważi l-istess dedika: "Lil dawk il-popli mjassrin mill-barrani", kif ukoll id-Daħla tal-Prof. Ġużè Galea li kien kiteb fl-1975. It-tipa hija ikbar u b'hekk din id-darba r-rakkont jinfirex fuq 160 paġna, filwaqt li jinżamm l-istess numru ta' kapitli (ħdax b'kollox). Massa jinkludi fl-aħħar tal-ktieb kummenti minn personalitajiet differenti dwar l-istess rumanz meta kien ħareġ fl-1977.

Dwar dan ir-rumanz Galea jikteb li Massa jislet moral jew messaġġ li jolqot lill-qarrej u jġiegħlu jirrifletti. Jgħid ukoll li Alfred Massa għandu ħabta jinqeda bir-rakkont ħalli jistħarreġ dwar problemi li jolqtu l-ħajja tal-bniedem u fl-istess ħin biex ifisser il-fehma tiegħu u jargumenta fuq il-mottiv u l-effett ta' dawk il-problemi. F'dan ir-rumanz storiku Massa jikteb dwar valuri li qed jiġġennbu aktar maż-żmien qed jgħaddi: familja, tjieba, irġulija, ħbiberija, u fidi fil-Ħallieq. Din ta' Ġużè Galea hi Daħla li nkitbet 48 sena ilu imma għadha attwali sal-ġurnata tal-lum.

L-ewwel paġni jlaqqgħuna ma' familja: in-narratur, martu Nina u ż-żewġ uliedhom, Alexander u Godfrey. Ftit wara, però, in-narratur, Karm, li studja l-Mediċina, iħabbar *flashback* li toħodna bosta snin lura. Fiċ-Ċekoslovakkja - li tinsab wara l-Purtiera tal-Ħadid - għaddejja mewġa ta' ħelsien taħt il-President Svoboda u s-Segretarju tal-Partit Komunista, Alexander Dubcek. Massa mill-ewwel jagħtina ċerti dettalji storiċi biex idaħħalna fis-sitwazzjoni politiko-storiko-soċjali tal-mument. Ningħataw data preċiża – it-13 ta' Lulju 1968 – meta Karm u sieħbu, li kienu għadhom żgħażagħ, waslu fiċ-Ċekoslovakkja għal btala wara li spiċċaw l-istudji universitarji tagħhom. Diġà minn hawn toħroġ għad-dawl waħda mit-temi rikorrenti fil-kitba ta' Massa, id-Destin: "nemmen b'qalbi kollha fid-destin."

Mekkaniżmu narrattiv għal qalb Massa huwa d-deskrizzjoni u l-attenzjoni għal dettalji anki topografiċi, fejn isemmi saħansitra momument tal-bronż iddedikat lill-poeta Ċekoslovakk Jan Kollâr. Jiġu nklużi anki referenzi intertestwali, bħal meta Massa jislet parti mill-poeżiji ta' Dun Karm Psaila *Lil Malta* u aktar 'il quddiem, *Spes Ultima*, filwaqt li ma jonqosx l-użu tal-qwiel kemm bil-Malti kif ukoll xi wħud bil-Latin. Massa jinkludi bosta tifkiriet ta'

Malta fil-passat, fosthom tradizzjonijiet u passatempi li ntilfu maż-żmien.

Il-waqt li fih isibu ruħhom iż-żewġ żgħażagħ turisti Maltin fi Praga hu wieħed fejn jinħassu kemm tensjoni kif ukoll inċertezza, u b'hekk jgħaddulhom numru ta' dubji u biżgħat proprju għax f'pajjiż komunista u fejn il-Knisja Kattolika hija klandestina u mxekkla mir-reġim. Minn ċertu punt 'il quddiem Massa jintroduċi storja ta' ħbiberija u mbagħad ta' mħabba bejn ġuvni Malti u tfajla Ċekoslovakka, Nina. Hawn l-istampa żgħira tar-rakkont fittizzju titqiegħed fuq sfond ħafna ikbar: avvenimenti storiko-politiċi ta' natura drammatika. Huwa hawn fejn tixref tema oħra importanti fil-kitba ta' Massa: il-fidi bħala sabar u kuraġġ f'mumenti ta' periklu kbir.

Bħal dejjem, il-lingwa li jħaddem Massa hija waħda nadifa u l-istorja hija ġeneralment lineari b'waqtiet li jimmiraw biex jaħsdu lill-qarrej. *L-Istar tal-Imgħoddi* hu rumanz dwar il-ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin, il-ħelsien u l-jasar ta' poplu, imma anki dwar l-imħabba ta' bejn ġuvni Malti u tfajla Ċekoslovakka. Massa jurina li bħala poplu ċ-Ċekoslovakki la huma poplu iblah u lanqas wieħed li tbellagħlu r-ross bil-labra, l-aktar iż-żgħażagħ.

Ir-rakkont jikseb ċerta saħħa meta naqraw bil-vjaġġ li l-protagonisti jibdew lejn il-ħelsien. Dan huwa vjaġġ fiżiku diffiċli u li jieħu ħafna żmien. Intant Massa jfakkarna li fost is-suldati invażuri kien hemm min mhux kuntent anki għax sfurzat jagħmel xogħol bħal dan. Naqraw dwar inizzjattivi min-naħa taċ-Ċekoslovakki biex ifixklu kemm jista' jkun lill-invażuri. Hawn Massa jislet tagħrif storiku direttament minn gazzetti lokali, xi ħaġa li ġieli ttul xi ftit wisq u b'hekk tista' ddejjaq, minkejja li wieħed irid jammetti li permezz t'hekk l-awtur jiċċara iktar il-kuntest politiko-storiku li fih qiegħed il-ġrajja fittizzja tiegħu.

Il-qarrej jingħata ftit nifs mit-tensjoni meta mir-realtà kiefra tal-belt ta' Praga okkupata mill-forzi Sovjetiċi, Massa joħodna fid-dinja idillika tal-boskijiet u l-kampanja ta' Pisek u l-madwar. Hawn jintroduċi nota ambjentalistika: "[F]himt kemm aħna l-Maltin neqsin minn ġmiel ta' dik ix-xorta, imma fhimt ukoll kemm il-bniedem hu fid-dmir li jibża' għall-ambjent, mera tal-kobor u l-imħabba tal-Ħallieq." Minkejja sitwazzjoni nazzjonali mwiegħra, naqraw dwar aħbarijiet tajba f'rabta ma' dak li jseħħ lill-protagonisti.

B'xi mod dan ir-rakkont ifakkar ukoll fl-ostakli, fit-tiġrib u fil-perikli li l-immigranti-refuġjati jkollhom jgħaddu minnhom anki llum: firda mill-maħbuba, biża', inċertezza, mewt. Massa jurina kemm il-ħajja taf tkun paradossali: jorbot waqt ta' ħelsien u ferħ ma' wieħed fejn hi b'saħħitha l-mewt. B'hekk niltaqgħu ma' siltiet deskrittivi (fejn jiġu alternati pessimiżmu u ottimiżmu) u oħrajn riflessivi.

148 paġna wara li tibda l-*flashback* Massa joħodna lura għall-preżent. Mid-dittatura mmorru lura għad-demokrazija; fuq naħa, il-mewt, il-firda mill-persuni li nħobbu, u fuq l-oħra, l-imħabba bejn mara u raġel, il-familja, l-ulied. Taħkem l-idea li l-ħajja tal-bniedem mhix waħda faċli imma min-naħa l-oħra hemm is-solidarjetà u l-fidi f'ħajja aħjar.

Għal xi wħud rumanz bħal dan jista' ma jinżilx tajjeb għax għandu laqtiet moralistiċi, daqskemm jista' jinżel tajjeb ma' min iħobb rakkont nadif, bla kumplessitajiet żejda. *L-Istar tal-Imgħoddi*, 50 sena wara l-invażjoni tal-Unjoni Sovjetika fiċ-Ċekoslovakkja u 41 sena mill-ewwel edizzjoni tiegħu llum bħal jerġa' jakkwista l-attwalità tiegħu f'dinja, u mhux biss 'il bogħod minna imma qrib sew tagħna, fejn il-qawwiet tal-poter għadhom jimmanipulaw l-imħuħ dgħajfin, f'dinja fejn ir-rispett lejn in-natura naqas qatigħ u f'dinja fejn il-movimenti ta' popli sħaħ, it-tiftixa għal ħajja aħjar u l-ġlieda bejn ħażin u tajjeb għadhom b'saħħithom sew.

**ĦAJKU**

Tiġri x-xmara
ikħal l-ilma fuq tiegħu
ferħana s-siġar.

Fiċ-ċentru belti
turisti minn kull rokna
is-sajf igawdu.

Ġewwa l-għadira
ninżel fis ħa nissaffa
mid-dieq u n-nervi.

**PATRICK SAMMUT**




## IL-POEŻIJA PSIKOLOĠIKA F'*EL DUENDE* U *IL-KALĊI QED IFUR* TA' ANDREW SCIBERRAS U CARMEL SCICLUNA

**Kitba ta' Amanda Busuttil**

Żgur li ħafna minna jiftakru l-introjtu tar-rumanz *Il-Gaġġa* ta' Frans Sammut, introduzzjoni li titfa' dawl fuq riflessjoni psikoloġika li dwarha wieħed għandu jaħseb kemm għamlet impatt qawwi fir-Rumanz Malti. Sciberras u Scicluna qed jippreżentaw riflessjoni tixbah lil din f'sura ta' arti letterarja li qed timmarka ġeneru uniku fil-Poeżija Maltija. Inqabbel lil dawn iż-żewġ poeti ma' messaġġiera ta' rieda tajba li 'ħadu qatgħa' meta għarfu x'inhi d-dinja (fit-termini tar-rumanz *Il-Gaġġa*) imma ma waqfux hemm. Tant huma poeti ta' stamina soda li mhux talli 'ma fiqux' minn din l-hekk imsejħa 'qatgħa' f'kuntest eżistenzjali, talli fil-kitba tagħhom jiġġieldu b'ġustizzja f'imkejjen fejn kittieba oħra beżgħu jersqu jew jippreżentaw b'libertà minħabba l-mod ta' kif aħna mrawwmin fil-kultura Maltija u l-identità tagħna u minħabba elementi li baqgħu xi ftit jew wisq tabù. Għalhekk fil-qasam lokali, Sciberras u Scicluna jippreżentaw moviment kuraġġuż li ta' min wieħed jammirah u jimraħ fih.

Hemm qrubija kbira bejn iż-żewġ poeti: Andrew Sciberras u Carmel Scicluna, it-tnejn li huma jixhdu versi ta' protesta u tbatija karnali u psikoloġika li qed jaffaċċja l-uman fl-era tal-moderniżmu; ħafna drabi jixegħlu *spotlight* biex tiġbdilna l-attenzjoni fuq tbatija 'siekta' li qiegħda hemm imma mhux bil-fors qed tidher.

Għalkemm ngħidu li l-bniedem ipprogressa, fil-mentalità Maltija għadna ngħixu fi żmien bikri, għax il-bniedem qatt ma nbidel fis-sura tiegħu, inbidlu biss iż-żmenijiet u l-bniedem jadatta għalihom taħt forom diversi. Ejja nieħdu t-tema tas-sesswalità li xi ftit jew wisq għadha ddarras u ftit hija trattata fil-Poeżija Maltija. Għalhekk inħoss li dawn iż-żewġ kittieba rnexxilhom jifirxu ħsibijiet universali 'ġodda' f'kitba lokali b'mod artistiku li jsaħħar.

Min għandu għal qalbu l-arti viżiva nistgħu ngħidu li bħala bnedmin osservaturi, kapaċi naċċettaw figura nuda mpittra biż-żebgħa u l-kulur, imma figura nuda mpittra bil-kliem għadu kunċett li f'Malta għadu jrid jissajjar f'bosta mħuħ, għax il-kitba donnha aktar dellha tqil wisq aktar mill-viżiv fit-tpenġija. F'din it-tema il-versi jitkellmu anke fuq l-istupru u l-abbuż:

'minn bosk miżgħud bil-fantasija
li jitħeġġeġ fija
u l-ġewwieni jsir
ġenesi ta' nirien omiċida
li jdewweb dinja
li bħal pezza drapp
ġiet imfassla bl-apotesi ta' Żews
li b'mandat tal-Heliaia
seta' jistupra allat
imgeżwra fil-vestjarji tal-pubertà'.

(Mill-poeżija 'Lil Sara' ta' Andrew Sciberras)

Fil-versi ta' Scicluna mill-poeżija 'Il-Fjura u s-Sikkina' naqraw:



**Andrew Sciberras**

'Titwerwer, titwerwer
dak missierek b'mera tonda tonda
liebes ta' klawn makabru,
jiġri b'sikkina f'idu l-oħra,
wara bintu ż-żgħira ta' għaxar snin'.

Iż-żewġ kittieba jinħassu ferm kemm il-qari, il-kultura u l-arti bit-tagħrif ġenerali hija l-pompa li żżomm lil qalbhom għaddejja. Għandhom ħabta kif jużaw xbieha partikolari minn xi ħaġa li tkun laqtithom partikularment u biha jfasslu ħsieb u kunċett psikoloġiku ta' natura riflessiva. Andrew Sciberras juża x-xbieha tal-Excalibur (ix-xabla li min jaqlagħha mill-ebusija tal-blat ikun ir-re meħuda mill-istorja tar-Re Arturu) biex jinseġ il-ħsieb tal-poeżija 'Memorja':

'Dmugħ aristokratiku
nferrex fl-ennui
ta' ruħek itturufnata
u mill-blat azzarjat
li brejbes nefaħ fih
in-nifs sadist
l-Excalibur naqla'
u bħal nassab bil-qiegħda
fuq il-ħaġra bil-kalamenti
noqgħod nistenna
tixref it-tifkira bikrija
ta' meta f'Kamelot
f'att ta' mħabba perenna
d-demm ta' ġisimna ħallatna
f'ritwal sagru ta' fratellanza'.



**Carmel Scicluna**

F''Aliċja tal-Fenek' Scicluna juża wkoll t-tixbiha letterarja 'Aliċe' biex jittratta t-tema tal-omosesswalità b'referenzi għall-Kama Sutra:

'B'għajnejha mitbuqin beraħ
Aliċja tal-Fenek tilbes l-aħmar
bejn żewġ kolonni Joniċi
u timxi lejn ġnien id-dama tal-villa'.
'...u meta l-festin jilħaq il-qofol
jitgħannqu u jitbewsu ż-żewġ nisa
u jinqalbu f'orġja mxajtna
sa jistordu u jduru tromba
fl-ispirall tal-ħolm imlewwen
li jagħti għat-toqba tal-fenek...'

Fiż-żewġ poeti naraw ukoll kemm il-figura ta' Kristu għandha influwenza f'ħajjithom. Peress li jiktbu versi li qed jirriflettu din it-tbatija psikoloġika, il-mudell prinċipali ta' Kristu jilħaq il-qofol ta' din it-tbatija li hu ħa u li għalina l-Insara ngħaqqduha mat-tbatijiet tagħna personali biex bħal Kristu ngħaddu mid-dlam għad-dawl u nippruvaw nagħmlu sens mit-tbatijiet tagħna, għalkemm ħafna drabi nibqgħu bil-mistoqsija retorika mtaqqla fuq rasna. F'Sciberras dan narawh fil-poeżiji 'L-iskarjota' u 'Realtà oħra fl-Ort tal-Ġetsemani'. F'Scicluna dan il-fatt jixhdu t-titlu stess bil-kelma 'kalċi' li juri t-tbatija u dan it-tiġrib jidher f'forma personalizzata fil-poeżija 'Ewridice' li jkompli jenfasizza li t-tbatija psikoloġika ħafna drabi hija ndaqs jew mat-tbatija tal-ġisem u ħafna studjużi tal-moħħ taw din id-definizzjoni llum li dak li jinħass fil-moħħ għandu l-istess bażi ta' uġigħ daqs dak fiżiku.

Il-kittieb Goethe (1749-1832) afferma: 'Everything worth thinking has already been thought, our concern must only be to try to think it through again' (*Thought and Action,* 1829). Ninsabu f'epoka fejn il-bniedem għandu bżonn jaħseb u jixtarr fuq dak li qed jiġri madwaru. Il-Poeżija x'aktarx hija l-aħjar forma ta' meditazzjoni li toħroġ mill-bniedem għax tqanqal il-kuxjenza u toħloq emozzjoni, fejn illum din tal-aħħar donnu li qed tipprova tintesa li l-bniedem huwa uman u mhux makna, mela l-Poeżija hemm bżonn li tissaħħaħ aktar biex tkompli turi l-validità tagħha fid-dinja tal-lum. Nifraħ lil Andrew Sciberras u lil Carmel Scicluna għal kitbiethom u jalla aktar qarrejja jixtarru u japprezzaw kemm kull poeta għandu diffikultajiet fi triqtu, imma xorta waħda jagħżel li jegħleb l-isfidi biex titrijonfa l-Poeżija.




**GĦERA ta' Gioele Galea, Horizons, 2018**
**Il-Poezija tas-Skiet - Kitba ta' John P. Portelli.**

Din l-aħħar ġabra ta' 72 poeżija ta' Gioele Galea hija ġabra vera matura. Dawn il-poeżiji jridu jinqraw bil-mod u bil-kalma, u ġieli wkoll terġa' taqrahom ħalli tixtarr sewwa x'hemm fihom. U hemm ħafna fihom! Dawn huma poeżiji qosra ta' riflessjoni profonda. Minkejja l-ekonomija tal-kelma Galea jirnexxilu jesprimi ħafna emozzjonijiet u ħsibijiet. Hawn għandna poeżiji kompatti li joffru diversi saffi ta' tifsiriet u sinifikat. Fil-poeżiji jiżbqu l-metafori tal-weraq, id-deżert, il-blat, is-siġar, is-silenzju u l-kliem.

Galea huwa poeta spiritwali imma wkoll eżistenzjali. Sikwit ifakkarna fil-misteru, f'dak li jmur 'l hinn minna. Imma fl-istess ħin jurina t-tensjonijiet li jeżistu bejn hawn u dak li hu 'l hinn. "U ġo fina nkixfet/ natura sospiża/ bejn l-għarfien u l-misteru." (p.7) Dawn il-versi jfakkruni ħafna fid-*Deus sive natura* ta' Spinoza. U dan il-qagħdien ħafna drabi jwassal għas-skiet tas-skiet u l-baħħ mhux biss fiżiku imma mentali. Imma dan mhux baħħ ta' disperazzjoni! Ghax "it-tama t'għabex ieħor/ iżżommna/ għal-lefqa li jmiss. » (p.8) Galea joffrilna l-vizjoni ta' "vortici garigor" (p.9), sensiela ta' tarġien jibnu fuq xulxin "sal-kwiekeb maqbudin/f'dan l-ispiral/bla xebgħa." (p.9) U minkejja t-tensjonijiet, jiftaħ qalbu magħna: "u stennejt il-miraklu." (p.11)

Iżda minkejja li hemm it-tama, mhux tama għamja imma tama li toħroġ mill-esperjenza stess: hemm it-tensjonijiet fit-twemmin u l-ħsieb tagħna, bejn id-disperazzjoni u s-serħan fis-skiet. Imbaghad hemm il-livell tal-ħolm li għalija jintrabat ukoll mat-tama; għax kif nistgħu nittamaw jekk ma noħolmux? U dan il-ħolm jiddefinixxi xinhu l-bniedem: "minix għajr ħolm/mirfud minn xewqtek." (p.13). U fl-istess ħin donnu li għajnejn Kristu msallab "joffruli qiegħ/ jitbiegħed" (p.15), waqt li "subgħajk/ma jleħħqu qatt/mal-ġdid" (p.17). Il-preżent mimli bil-ġdid, imma kultant ninħakmu b'nuqqas ta' libertà: rieda jkun hemm; imma nsibu ruħna maqbuda bit-toqol tal-bieraħ? Imbagħad niltaqgħu wkoll mal-jasar tal-poeta li "sakemm ma jiżvinax/poeta jibqa'/ilsir ta' demmu" (p.63), imma fl-istess ħin "fil-blat imħaffra/ ruħu/ dal-poeta" (p. 73). Fil-blat il-ħelsien, fil-blat l-essenza! Paradoss? Mhux għal Galea għax għalih l-ispirtu u r-ruħ jinstabu fil-mument t'issa wkoll; l-ispirtu għalkemm differenti mill-materja magħġuna mal-konkret. Għalhekk "kien/għalxejn/li nibqa' b'ħarsti 'l barra" (p.35). Il-ħarsa trid tkun 'il ġewwa! U hekk jammonina:

X'inti tħares lejn il-kwiekeb?
Għal ruħek m'hemmx aċċess
jekk mhux minn qalbek. (p.42)

U hawn nilmaħ l-ispirtu ta' Santu Wistin.

Fil-poeżiji nsibu t-tensjonijiet li jiġu f'forom differenti. Galea ma jibżax mit-tensjonijiet għax dawn huma parti mid-djalettika tal-għarfien. Hemm it-tensjonijiet jew kuntrast bejn "laqx ta' kuxjenza sploduta" u "laqx ta' kuxjenza li siktet" (p.24). U mbagħad hemm il-paradossi: "is-silenzju faqgħalna/ t-tnabar ta' widnejna," "subghajn iteftfu l-baħħ" (p.26), "imxi s-silenzju sad-dlam" (p.28) li fl-istess ħin huwa "salvazzjoni" (p.28), "il-fjuri jikbru/ mit-tiċrit fuq ġismek," (p. 31), "mit-trab/ nifisna jqum," (p.40), "id-dlam ħoss/ t'assenza

ttarrax," (p.43), u "il-hin mahfun, imwaqqaf" (p.58). Imma rridu nżommu f'moħħna li l-għera/il-vojt/il-baħħ huma bżonnjużi biex insibu l-għarfien; huma parti mill-proċess: "etern il-vjaġġ/ li fih maqbud" (p.34).

Waqt li l-vjaġġ jinħass etern lill-assolut aħna l-bnedmin ma nistgħux nifhmuh. Nippruvaw imma nafu li ma jirnexxilniex. Għax wara kollox "is-siġra twaqqa'/weraq fuq weraq" (p.37), u "il-friegħi tant neżgħu/li jidher is-sema" (p.37). U nippruvaw nifhmu bil-kliem. Imma s-silenzju huwa kliem ukoll: "perfett/is-skiet tiegħek jeħodni/sa ruħi" (p.66). Waqt li aħna mdorrijin nikkomunikaw bil-kliem li nnisslu, importanti li nifhmu forom oħra ta' kliem bħas-silenzju/il-baħħ/l-għera. U hemm ħafna li ma nistgħux inlissnu bi kliem verbali! Fis-skiet jirnexxilna ninżlu sal-qiegħ, u:

> Mill-qiegħ
> seħħilna ntellgħu 1agħqa
> u jdejna juruha. (p.72)

Iva, Galea huwa l-poeta tas-skiet, imma ma ninsewx li

> is-silenzju faqgħalna
> t-tnabar ta' widnejna (p. 7).

**OSKURITÀ**

Hemm biss qigħan
u xejn aktar.

Qarrieq il-fsied
taċ-ċafċif mar-ramla.
Qarrieqa wkoll
il-qilla
tal-imwieġ mal-blat.

Hemm biss qigħan
xejn aktar -

kħula
tiskura sad-dlam.

**GIOELE GALEA**
**(minn *Għera*, Horizons, 2018)**

## IŻ-ŻMIEN
### 200 kelma ta' Paul Grech

Intilef iħares lejhom bħallikieku msaħħar.

Għal dawk iż-żewġ żgħażagħ din kienet waħda mill-ewwel drabi li ħarġu flimkien. Kien ovvju mil-mod ftit mistħi li bih is-swaba' tagħhom bdew jilagħbu ma' xulxin, l-attenzjoni lejn kull kelma li tintqal, id-daħk kemxejn esaġerat ma' xi nofs ċajta. Id-dinja tagħhom f'dak il-mument kienet tieqaf mal-persuna l-oħra u, għall-kuntrarju tiegħu, lanqas biss kellhom ħjiel li kien hemm iktar nies fir-ristorant.

Beda jgħir għalihom. Ried jerġa' jħoss dak il-ferħ, dak l-eċitament li ssir taf persuna ġdida b'mod intimu. Fuq kollox, xtaq iż-żgħożija tagħhom. F'dak il-mument kien jagħmel min kollox biex jerġa' jmur lura għal meta anki għalih il-ħajja kienet mimilija potenzjal.

Innota għajnejn it-tfajla u kif dawn bħal donnhom kienu qed jixegħlu bil-ferh. "Kemm ilu li xi ħadd ħares lejja b'dak il-mod," ħaseb. "Tgħid jafu kemm huma prezzjużi dawn il-mumenti? U kemm se jgħaddu malajr."

Hu kien jaf xi jmiss għalihom. Ftit ftit, dak l-eċitament kien jibda jintefa'. Id-daħk jieqaf filwaqt li l-kliem tal-persuna l-oħra jitlef is-seħer u jsir irritanti. Il-ferħ ta' dawk l-għajnejn għad jintefa'.

Bħalu huma wkoll għad isibu rwiehom f'nofs ristorant, jaħsbu dwar ħajjithom u l-potenzjal li ntilef maż-żmien.





## MITT SENA MIT-TWELID TA' PATRI MATTEW SULTANA

Patri Mattew Sultana twieled ix-Xagħra, Għawdex, fil-5 ta' Awissu 1918, ingħaqad mal-Kapuċċini, u fl-1942 sar saċerdot. Fil-bidu tal-ħajja saċerdotali tiegħu kien kappillan f'bosta sptarijiet u wkoll għalliem tal-Latin u tat-Taljan fil-Kulleġġ Serafiku. Kien membru attiv tal-Akkademja tal-Malti u poeta magħruf. Kiteb numru ta' versi ta' innijiet popolari u kif ukoll ħafna poeżiji li l-biċċa l-kbira tagħhom għandhom suġġett reliġjuż. Patri Mattew miet fis-17 ta' Frar tal-1986. Waħda mill-ġabriet ta' poeżija tiegħu ġġib l-isem ta' *Ħsieb u Ħajja*, stampata fil-Union Press fl-1955, li minnha ttieħdet din il-poeżija tiegħu.

Dwar il-versi ta' Patri Mattew, Karmenu Vassallo jikteb hekk: "Is-sengħa u l-ħila kif f'erba' kelmiet, qishom minquxin b'xi skalpell f'idejn artist kbir, taf tislet l-isbaħ tagħlima jew tiġbed konklużjoni loġika minn suġġett tgħidlu rħis jew komuni, huma tnejn fost għadd ta' prerogattivi li seħħli nsib u nitpaxxa bihom jien u naqra l-poeżiji tiegħek."

**LILL-POETA**

Xi tkun taħseb? għajnejk dejjem jibbru,
moħħok jaħdem, bieb fommok bla kliem,
jgħaddu ħbiebek mingħajr ma tintebaħ,
isellmulek, tħallihom bla sliem.

Naf... Tkun tfittex kif toħloq xi ħaġa,
għax kif jgħidu: "Il-Poeta hu Ħallieq"
ħsiebek wieħed: jiġik ħjiel ġo moħħok
arak tieqaf imqar f'nofs ta' triq.

B'għaġla toħroġ il-lapes u l-karta,
taħtha tqiegħed idejk jew xi ktieb
biex bil-versi ħelwin, qabel jaħrab
b'sengħa tlibbes u żżejjen il-ħsieb.

Agħti w aħseb għax għandek għax taħseb,
żommha f'moħħok, jgħid wieħed mill-qwiel:
"Għall-poeta mhemmx vina ta' maħfra."
Kull ma tgħid għaddih sew mill-għarbiel.






***MAJULI: THE VATICAN CITY OF ASSAM*** **by Arbind Kumar Choudhary, Authorpress, New Delhi, 2018.**

Indian poet Dr. Arbind Kumar Choudhary was born in 1965 at Sirajpur of Khagaria District. He has a Bachelor Degree with English Major from T.N.B. College, Bhagalpur, a Masters Degree and Ph.D from T.M.B. Bhagalpur University, and an M.B.A. from L.N.M Institute of Business Management Muzaffarpur. His first poetry collection was *Eternal Voices* (2007). His poetry appeared in many countries, Malta included. He is the founding father of International Association of Poets, Essayists and Novelists at Behgusarai, one of the founding members of World Literature Society, Tripura, and an honorary member of International Writers & Artists Association, USA. He is presently heading the Dept. of English at Rangachahi College, Majuli, Assam, in India. Among his poetic works: *Universal Voices* (2008), *My Songs* (2008), *Melody* (2009), *Nature Poems* (2010), *Love Poems* (2010), *Nature* (2011), Love (2011) and *The Poet* (2011). He is also editor of the literary journals "Kohinoor" and "Ajush".

Dr. Choudhary's most recent poetry collection is *Majuli: The Vatican City of Assam* (2018). It is a poem made up of 261 five-line stanzas. Majuli, a "river locked island", is above all a spiritual city which is open to thousands of tourists and pilgrims, thus a place of spiritual, natural and cultural beauty. The city is also a force for those who possess a sensitive soul and write verse "on this strife-striken earth" as Choudhary himself writes in the Preface. In his words, "*Majuli: The Vatican City of Assam* is the output of the inner urges I feel on this lap of nature even in sun and shower. I wish to share my feelings with all those who cherish fiery spirit, sensitive soul and meditative mind."

Choudhary's poetry is full of vocabulary that we Westerners may not be familiar with. In this case, Choudhary provides in the final pages a long list of such words with their respective meaning: "Cenozonic era" means "beginning of a new era"; "David and Jonathan" means "inseparable friends"; "Tom, Dick and Harry" are "all types of persons"; "Kamdev" is the erotic god; and "Rasmahotsav" is a drama festival. His verse is full of references to gods (Govind, Fanindra, Rukmini, Jinendra, Varun), festivals (Phat Bihu, Pacheti Utsav, Ghughua Dol, Rasmahotsav, Palnam), writers (Rabelais, Kavindra, Raghunath, Tagore, Hesse, Naipaul) social activists (Verrier Elwin), scientists (Darwin), spiritual figures such as Ghandi and Mother Teresa, religious places, rivers, saints and singers.

As always Choudhary's poetry is not only made up of words that mean but also of words as sound. Literary mechanisms such as assonance, alliteration and rhyme help the reader appreciate more these stanzas which are concise, to the point, profound, and at the same time provocative of thought.

Choudhary is the rock in the middle of the river, everflowing with strong currents; he is the patient and knowing observer who filters life around him through his sensitive self, thus creating these beautiful reflections which take the form of a long poem.




**WISDOM OF THE RANGER by Toth Arpad (Artangel), 2018.**

Toth Arpad (penname Artangel) is a prominent poet and writer in contemporary Romania. He was born in Săcele, Braşov, where he finished his first grades then he moved to Covasna County where he became, as a student, a literary award winner in the poetry and Romanian language and literature competitions and olympics, in Păpăuţi and Târgu-Secuiesc. His academic background includes two university degrees, Civil Law and Silviculture. His profession is that of a Forestry Engineer, now he is a commissioned Technical Secretary at the Forest District of Comandău. Married to Rozalia and father of Beata Beatrix, Toth Arpad is also very active in the field of literature. He published more than a dozen books. His most popular work is *Man's Close Encounters with the Brown Bear* book series. In 2014 he was awarded the collective prize for "The Best Literary Magazine of the Year" granted by IPTRC Chongqing, China.

*Wisdom of the Ranger* is a multilingual collection of poems. The English section includes 60 poems translated from Romanian by Dragoş Barbu, and has an introduction penned by Romanian poet Nadia-Cella Pop. One can categorize Arpad's poems in three main themes: nature, faith and love. Nature is central in poems such as "The Old Hunter", "The Wistful Sound of a Hunting Bugle", "In the Covasna Park", and "Underhill Spring". The poet is happiest when he is one with nature and the seasons, away from the city and surrounded by mountains, hills, and forests. Colours, fragrances and sounds of mother nature make humankind come together. In nature Arpad sees a "holy rhythm" and also a "divine gift". Thus nature helps to "bring [one's] spirit back to life" and "pains disappear from [one's] backbone". Peace, brotherhood, and love are all values present in Arpad's poetry, clear and pure as spring water.

Arpad is always a reflective and sensitive being. The Divine Power is a constant presence - thus, poetry as praise to God and the Divine Mother - in his verse which takes the form of quatrains. In "Everything is Transient in this World" Arpad ironically writes that "Only man is just a wanderer": not loving God man "lives 'a perfect life'!" as "All people have a free will/ Everybody can do everything in life."

The child remains in the adult Arpad ("My Dear Mother, Time is Passing"): we read about the contrast between the sense of amazement that children are capable of feeling, and the adult knowledge that "I spent life in vain!" On the other hand, in "A Star is Shining Up There" Arpad admits that "All my life is just a poem,/ It's what was meant to be!"

The forest is a magical place ("A Forest's Tale") for Arpad who alone listens to every sound of the bear, the trout, the blackadder and the wood sorrel. Here "The oxygene turns the weak body back to life" and "a tired smile and a tiny spot of sweat/ Mean more than any beautiful flower..."

Through his poems Arpad offers his readers short moments of peace and bliss far away from the chaotic and noisy spaces of the city. His verse is also an invitation to become a better human being.

**IL-PORT IL-KBIR**

Kenn mill-isbaħ fil-baħar fond,
imħaffer sewwa fil-blat imxaqqaq,
magħmul bis-saħħa tan-natura;
imdawwar bis-swar għoljin għassiesa.
Dawn id-daħliet, fil-għamla żorri,
bħal swaba minn pala ta' id,
għandhom bliet fil-ġenb l-istruttura
twila tagħhom, b'ilmijiet ħażżieża,
jonqxu b'mewġ li jiekol imdorri.

Minn żmien il-qedem imfittex;
kull ġens ta' nies żaruh u stkennew fih,
kemm fil-paċi, u qilla ta' ġlied;
għax lejh salpaw biex jankraw u jirbħuh.
Twitta b'bombi li fih intefgħu
u għerqu biċċiet tal-iġsma
maħruqin ma' gozz ħadid bil-ġmied.
Iżda paċi ġiet u għenet l-imħuħ,
biex jużawh f'ġid li maż-żmien refgħu.

Illum post mifqugħ bil-kummerċ;
vapuri mal-moll iħottu, jgħabbu
xogħol, l-għixien tal-poplu f'dil-gżira;
u dgħajjes żgħar Maltin jaqsmuh għall-art,
bit-turisti fuqhom ferħanin.
Spiċċa dellu twil tat-twerwir;
bla biża' jidħlu f'din l-għadira
kalma, l-opri tal-ġarr bil-lejl fit-tard,
u hawn jorbtu b'makni għajjenin.

**JOSEPH BONNICI**

**YOUR EYES**

One day I will paint your eyes,
to capture the moment of us together.
The moments when you loved me.

Tonight I am painting your eyes,
losing myself in you.

Should you decide to come.
I will wait.
Thinking of your eyes.
Because I know what lies behind your eyes.

**MARY ANNE ZAMMIT**

**IL-VOLUNTIER**

Ħadd ma jaf bih,
ħadd ma jsemmih,
mhemmx triq imsemmija għalih

L-għeġubijiet,
jagħmel fis-skiet,
ma jaqla' qatt daqsxejn inkwet

Qatt ma ta kas
il-ġuħ jew nagħas
jew li għal xogħlu jitlob xi ħlas

Kien voluntier,
jaħdem għall-fqir,
bla ma qatt ħaseb fil-qliegħ il-kbir

Illum li miet, ħadd ma jaf bih,
ma tisma' ħadd illi jsemmih,
ma sibt imkien triq imsemminja għalih

għax ħadem biss għal dak li emmen fih

**KEVIN TANTI**

**ID-DUDU**

Tfal, in-natura għalina
kollha lezzjonijiet
li min jifhimhom jimla
ħajtu bis-sliem u l-kwiet.

Dalgħodu, xħin qomt kmieni,
ilmaħt lis-Sur Mitt Sieq
(dudu miexi bil-qajla'
sejjer jaqsam it-triq).

Għedt: min ma jħares sewwa
jista' jitqarraq, ħej!
B'kemm-il sieq, 'mma bir-rażan
dad-dudu... mhux ġerrej!

**MANWEL CASSAR**

**IKHAL**

Il-baħar abjad qalb l-għasel tal-franka
m'għadux ilissen il-bikja tar-romol.
Huwa żejt iż-żebbuġ
li jolfoq mill-iġfna
u joħlom bl-ikħal.
L-ikħal ta' Spanja.
L-ikħal tas-swar.
L-ikħal tal-Wardija.

F'nagħas
ħut u dgħajjes
jgħannu 'l oleander,
u jżejnu l-qroll bil-mitt għajn tas-sema.
Fid-dlam tal-isponoż
jitkessħu l-paguni
u n-naħal joħolmu
b'galassji tan-nektar,
bi qmura koħol fi stalel tas-sħab

Għax aħna għaddejna wkoll mill-bajunetti.
L-isqra taċ-ċomb is-saħta tagħna!

U tgħaffiġna mill-barri,
munġbelli tan-nar iħejju fl-irħula
biex minn palk taż-żingari jsiru oqbret l-iljuni.

F'demmna mitt żiemel ikħal jissarra mal-mewt,
l-ikħal tal-iġsma jistennew taħt ix-xagħra,
bi lsien itambar qamar midluk biż-żebbuġ
fl-iswieq u mqades.

**STEPHEN CACHIA**

**SETTE GIUGNO**
**(1919 – 2019)**

Il-Poplu qam u tkellem
u Malta tagħna bkiet,
xħin rat id-demm ta' wliedha
jitħallat mal-irmied.

Il-Poplu kien imxebba'
bil-ħakma tas-setgħani.
Kien lest li jċarċar demmu
biex jeħles mill-barrani.

Kulħadd kien kelma waħda:
"Daqshekk tagħmlu li tridu
għax Malta hija tagħna
u nagħmlu dak li rridu

biex hija tibqa' l-għożża,
il-Gżira tal-Maltin,
u għaliha nagħmlu kollox
għal dejjem u kull ħin."

W il-folla ħarġet tiġri
fit-toroq tal-Belt tagħna
u ħalfet li minn fuqha
m'hemm ħadd li ser jistagħna.

Għalxejn ħriġtu għalina
biex fommna jibqa' sieket.
'Mma folla baqgħet tgħajjat
u ħadet dak li riedet.

U Malta għadha tibki
għalkemm għaddew is-snin
għax qatt m'hi sejra tinsa
'l uliedha maqtulin.

**JOSEPH SCIBERRAS (Ħ'ATTARD)**

**ĦAJKU**

**Lit-Tulipan**
Dritt, dritt tulipan,
imtieħen tara sa tmut.
wieqaf ċass, stordut.

**Il-Buffu**
Lin-nies idaħħak,
'mma qalbu mistura sew,
b'saffi ta' żebgħa.

**LINA BROCKDORFF**

**LIL PAWLA GRIMA FI TMIEM MIXJIETHA F'DIN L-ART**

Trabbejt fil-għożża tat-twemmin Nisrani
fi ħdan familja mdaqqsa f'nofs il-belt;
tnejn minn fost ħutek wieġbu tas-Setgħani
is-sejħa kollha mħabba u mingħajr għelt.

Minkejja li tul ħajtek kellek tbati
ma nafx li smajtek qatt tgemgem u tgorr;
fid-dawl tal-Kurċifiss ridt timxi u tagħti
il-pass li jmiss, filwaqt li l-hemm issorr.

Daqshekk issa - l-insiġ li tak is-sabar -
ma tinseġ fuq din l-art, għax fis-smewwiet
ħejjielek post l-Imgħallem 'l hinn mill-qabar
issa li x-xama' tiegħek f'daqqa ntfiet.

Triq Karità mingħajrek kif se tkun
jafu biss Alla w Ġorġ martri w' tribun!

**GEOFFREY G. ATTARD**
**Victoria , 12-6-2018**

**SKAVAR**

Ma nafx kemm-il saff
għad fadalli x'niskava
biex nara mill-qrib
fil-fond ta' ġo fija
x'se nsib.

Naf żgur li se jkolli
nitħabat bis-sħiħ
biex forsi sa fl-aħħar
niskava
x'hemm moħbi
fil-qiegħ.

**ĠORĠ BORG**
**(Minn *Fittixni fl-Ilma Ġieri*, Horizons, 2018)**

**SURVIVORS**
**(Marsa)**

I see them circle this roundabout
hoping to land a job - they earn
black looks only, no driver stops

and so they drag another day
back to detention, another lash of hell
they hadn't bargained for

a further flash of mutiny
stirring their addled minds
unlike any known before

Secure in my own whiteness, I hear
their silence curse that harsh survival
which spat them here

and I'm ashamed, yet have nothing
to offer but the grief I bring with me
for my own flesh and blood

by the cemetery gate though
one is selling wild flowers
I buy some to inhale a smile

**MARIA GRECH GANADO**
**(Minn *Framed*, Merlin, 2018)**

**IL-ĠARDINARA U L-ĠNIEN**

Minn jiem mudlama u umdużi
mit-tinwiħ ta' flejguta solitarja
minn kliem brejku mwassal fi ħdanna
bħal faqqiegħ il-konkluzjonijiet
jitkattru fl-intimu tagħna.
u f'għodwa bla stennija
bħal kamaleonti jħarsu ċassi f'għajnejna.
diqa tremenda għall-ħassieba
li ma jagħrfux it-taqtiq tas-summien
għax mhumiex il-ġardinara tal-ġnien
imma biss il-ħamrija
tal-pjanti li jikbru fih.

**ANDREW SCIBERRAS**
**(Minn *Amor Fati*, 2018)**

**U WAĦDI MA NIBQAX**

L-erba' ħitan madwari
għadhom siekta jixtarru
il-kliem li semgħu fil-passat….
Tgħid għad jinsew kollox għal dejjem
jew xorbu bejn il-fili torja
il-manna minn ilsien il-bniedem
u beżqu 'l barra l-morr?
Imwennes mis-skiet li jgħannaqni
ġo moħħi mitt ħsieb jimlili ħini
u dat-taħbit ta' qalbi nħossu jtenni,
jaħraq daqs ġamar, l-imħabba li ġarrabt.
U toħroġ minn għajnejja dik surtek sbejħa
biex timla il-ħitan
u waħdi ma nibqax.

**JOHN MALLIA**

**GĦALHEKK M'GĦADNIEX ILSIRA**

Għalhekk m'għadniex ilsira,
għax sibna triq għalina
u ħriġna minn ġol-fosdqa
sakemm ix-xorti ttinna.

Għalhekk m'għadniex ilsira,
għax sibna triq għalina,
u bdejna naħsbu b'moħħna,
ħadnieha kif tiġina.

Għax ħriġna barra l-merħla
u ma mxejniex mal-moda
u bdejna nsibu postna,
u ħsiebna qed jissoda.

U ħriġna barra l-merħla
l-oħrajn qaqoċċa waħda
iħarsu lejna bl-ikrah
u drajna l-ħlas taċ-ċaħda.

U ħriġna mill-binarji
u dawk jissieltu baqgħu
min minnhom jiġi l-ewwel
u l-bżieżaq bdew jinfagħu.

Għalhekk m'għadniex ilsira,
tgħallimna spejjes tagħna,
tgħallimna kif nirbħulhom,
xħin lagħbu logħba magħna.

Għalhekk m'għadniex ilsira
m'għadniex nibilgħu kollox
li jxandru jew li jiktbu,
u kollox ħorrox borrox.

Għax dawk in-nies tal-kilba
bil-maskra tal-morali,
tas-setgħa jew tal-liġi,
mhumiex għajr kriminali.

Żverġnawlna l-art fejn ngħixu
u d-dinja ta' madwarna,
u ħarbtu kull fejn sabu
u daħlu sa ġo darna.

Għalhekk m'għadniex ilsira
għax ħlisna minn difrejhom,
u dak li għandna nagħmlu,
ma jdoqqx żgur għal widejnhom.

Għalhekk m'għadniex ilsira,
għax minnhom lanqas bqajna
nisimgħu jekk hux tajjeb
jew dak li konna drajna.

Għax minnhom lanqas bżajna
u nħallsu tal-isfida
il-prezz sabiex tinfeda
din ruħna mqar b'taqbida.

**ALFRED GRECH**

**ĦSIBIJIET**

Tixtri qabar ġdid,
biex tgħid għandek xi ħaġa,
li ma tgawdi qatt.

Xejn tħabbel moħħok,
kemm se jiswa l-funeral,
il-kont mhux għalik.

Il-ħbiberija,
hi xhieda ta' qalb li tħobb,
mingħajr barrieri.

Xejn ma jbeżżagħni
minn kliem id-dizzjunarju,
ħlief... Eternità.

**CHARLES MIFSUD**

**META TIGREF L-ART**

meta tigref l-art,
u tbaskat id-dwiefer maqsuma,
bit-tama ta' sejba punika

jew meta bil-pala u l-fies,
tomxot il-qiegħa,
bir-raġġi solari ma' rasek

tintebaħ bil-qasma tal-jum,
bil-waqfa tal-ħin,
bil-ktajjen taż-żmien

u temmen f'destin imponut,
bit-timbru divin.

**MARIO GRISCTI**

**PERJURER**

Am I the only one
to fail to carry out
a love promise?

So much vengeance
you put into my day,
falsifying my infinite
inquisition about
the mental poverty
of the human animal!

My hunger for time
feeds itself on the absolute.
Enlarge your desire
in order to see that
I am the right one.

**TERESINKA PEREIRA**
**L-Istati Uniti**

**THE OLD HUNTER**

Holding his shotgun on the shoulder
the old hunter was about to return home
keeping up the countless steps
he remembered all he regrets.

He was going to an awesome chase
but they sent him back... As he said
he was very well prepared
to chase and hunt down the prey.

We can hear now his trudge, in a sad melancholy
his old rifle was already sold
he caressed his beloved greyhound
and shed a tear for the incoming winter...

**TOTH ARPAD**
**(from *Wisdom of the Ranger*, 2018)**
**Ir-Rumanija**

**THERE IS SUNSHINE AHEAD**
**For my son Jiunn-jye and other youngsters**

Thus, you
go forward
from my vision

Actually you start
from crawling on the floor
then, learn to walk like a drunkard
doddering and blundering
then, into adulthood

Thus, you
into adulthood, sailing past
winds and rains and ruggedness ahead
which is predictable
but there is sunshine ahead
which is a sure thing
don't be afraid and hesitate
go on forward, no need to look back
just walk out of my vision
I bet, you are sure
to walk out a road of your own

**HSU CHICHENG**
**(from *En Route*, The Earth Culture Press, 2014)**
**Iċ-Ċina**

**27**

The cultural sanctity
Is the spiritual wealth
For the sheath
Of Tom, Dick and Harry
Amidst many a luminary.

**167**

Life is a crown of thorns
For a man of high born.
Death is a bed of roses
For a man of horn
Amidst many a gate of horn.

**234**

The earth is a junction
Of the hell and the heaven
Where life glitters like butter
For the aster
Amidst many an Alexander.

**ARBIND KUMAR CHOUDHARY**
**(from *Majuli: The Vatican City of Assam*, 2018)**
**L-Indja**




**_SOLITUDNIJIET IMKENNA_ ta' Tarċisju Zarb, 2018.**

*Solitudnijiet Imkenna* huwa studju lil hinn, forsi, mill-perkorsi li mdorrijin nimxu fihom meta nagħmlu xi tip ta' analiżi ta' xi poeta jew poetiċità speċifika. Huwa dak it-tip ta' ktieb li jieħu lill-qarrej – l-akkumpanjatur/iċi tal-poeta – f'perkorsi varji, lil hinn mill-istess kostrutt poetiku, u għal darb'oħra 'l ġewwa 'l ġewwa 'l ġewwa, f'din l-istess poetiċità. Dan isir permezz ta' nebħ u intuwizzjonijiet ta' xeħtiet varji meħudin minn skemi mentali multipli, fosthom dawk lingwistiċi, fenomenoloġiċi, psikoloġiċi u filosofiċi, fost oħrajn. Dan jgħin biex il-poeżija, aktar milli tidher bħala xi ħaġa li teżisti biss għal rasha, tinħass u tidher, hi, sewwasew kif inhi – traċċ ewlieni – fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. Hija dik it-tip ta' sensibbiltà li, permezz tal-'kelma', tgħaddi xi tip ta' emozzjoni, ħass u spirtu fil-mod kif aħna nibnu u nsawru ħajjitna.

Għaldaqstant, Tarċisju Zarb, flimkien mal-iskrutinju ta' Andrew Sciberras, irnexxielhom joħolqu test intertestwali, li jgħin lil kull min jaqrah/jistudjah jitnebbaħ minn dawn it-traċċi eżistenzjali, li aħna ngħidulhom ħajja. L-interdixxiplinarità ta' dan l-istudju, flimkien mal-istudju semantiku-etimoloġiku, fil-fond tal-poeżija 'Stqarrija', huma turija ċara, li l-poeżija, hi b'liema lingwa hi, iżda f'dan il-każ hija bl-ilsien Malti, hija sors ewlieni, mhux biss ta' tfannid fir-ruħ, iżda wkoll ta' fejda – mod ta' għajxien, li jsostni lil kull min jixxierek fiha.

Tarċisju Zarb huwa magħruf għal għadd ta' kitbiet, kotba u metodi ta' tagħlim, li għandhom x'jaqsmu mal-pedagoġija, il-kritika u l-analiżi kritika letterarja, l-antropoloġija, u l-lingwistika fost oħrajn. Andrew Sciberras huwa poeta, u studjuż tal-filosofija fost oħrajn, li jemmen u jsostni lil kull awtur, fil-mixja tiegħu tal-għarfien u n-nebħ li jgħinna fl-umanità tagħna.

Min irid kopja tal-ktieb jikkuntattja l-editur Andrew Sciberras jew fuq l-email: andrewsciberrasartist@gmail.com jew fuq il-facebook. Prezz 7 ewro posta inkluża.



***FITTIXNI FL-ILMA ĠIERI* ta' Ġorġ Borg, Horizons, 2018.**

Dan huwa s-seba' ktieb ta' poeżiji ta' Ġorġ Borg. L-awtur huwa magħruf għal-lirika konċiża u melodjuża tiegħu li tħaddan emozzjoni mrażżna b'sempliċità qarrieqa. Il-poeżiji tiegħu huma mimlijin b'kontenut metaforiku u għalhekk għandhom diversi livelli ta' tifsira li l-qarrej jagħmel tajjeb li jesplora u jieħu gost bis-sejba tagħhom. Il-poeżija ta' Ġorġ Borg mhux ħlief riflessjoni ħelwa tal-ħsibijiet ġewwiena tiegħu, imnissla fis-solitudni u maħduma bis-sengħa fil-qalb. L-iżjed temi importanti jinkludu l-pjaċiri żgħar tal-ħajja, ir-relazzjoni iben-omm, l-imħabba bil-komponenti varji tagħha, tifkiriet ħelwa-mnikkta, ir-ritorn lejn tfulija li ma tgħaddix, riverenza u stagħġib lejn Alla u n-natura, u xewqa taħraq għat-tiftix tal-infinit.

Il-Prof. Charles Briffa jsostni li "l-akbar ħiliet letterarji [ta' Ġorġ Borg] huma fil-qasam tal-Poeżija Maltija." Madankollu, ir-reputazzjoni tal-poeta Ġorġ Borg tistrieħ ukoll fuq għadd imdaqqas ta' kotba ta' proża li jkopru stejjer qosra, fosthom dawk immirati għat-tfal, bijografiji ta' xejra reliġjuża u traduzzjonijiet.

*Fittixni fl-Ilma* Ġieri għandu Kelmtejn Qabel mill-awtur li fihom jitfa' dawl fuq l-isforzi li jitolbu xogħol ta' reqqa fit-tiswir ta' poeżija li tirrendi ruħha biċċa xogħol ta' arti.

## *AMOR FATI - L-IMĦABBA TAD-DESTIN* ta' Andrew Sciberras, 2018.

Fiż-żewġ studji profondi li kiteb dwar Friedrich Nietzsche intitolati "Nietzsche and Oriental Philosophy" u "Nietzsche and his Metaphors" Sciberras ittratta minn kull aspett kif evolva matul is-snin il-ħsieb ta' dan il-filosfu kbir. Dan il-ktieb jibda b'introduzzjoni kemxejn twila bl-Ingliż ħalli wieħed jifhem ħajjet u xogħol il-filosfu. Imbagħad wieħed isib poeżiji ta' Sciberras bil-Malti li sawwarhom fuq xi wħud mill-ħsibijiet ta' Nietzsche, biex ikompli juri kemm kien dinamiku u artistiku f'xogħlijietu. Il-ħsibijiet ta' Nietzsche kienu u għadhom dinamite għal dawk li huma lesti li jixegħlu l-miċċa.

Min irid kopja tal-ktieb jista' jikkuntattjani fuq l-email: andrewsciberrasartist@gmail.com




***WAQTIET KALKARIŻI - GĦAD-DELL TAL-KOTTONERA* ta' Charles Flores, BDL, 2018.**

Iċ-ċiklu tal-ġenerazzjonijiet jifforma parti sħiħa mit-tnissil tal-istorja ta' pajjiż, belt, raħal u nazzjon. Matulu jsir taqlib soċjali u ekonomiku li jkompli jħawwar il-ġrajjiet tagħna kemm bħala individwi kif ukoll bħala ġens.

F'din il-ġabra ta' kitbiet, *Waqtiet Kalkariżi - għad-dell tal-Kottonera*, Charles Flores jaqbad epoka li fiha l-ġenerazzjoni ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija ħalliet il-marka tagħha f'oqsma varji bħall-isport, il-kultura, il-Letteratura, s-soċjetà, id-divertiment, il-politika u r-reliġjon fost oħrajn.

Il-Kalkara hija s-subborg ħlejju tal-Kottonera fejn tkebbsu t-tifkiriet nostalġiċi tal-awtur. Fl-istil ħafif u mexxej tiegħu, Charles Flores iwasslilna stampi minn tfulitu u parti minn żgħożitu biex hekk joffri ħolqa




oħra fil-ħannieqa ta' ġrajjiet u waqtiet interessanti li jsawru l-istorja. Jeħodna fl-għelieqi tal-futbol, f'postijiet fejn kienu jehdew it-tfal u ż-żgħażagħ qabel il-miġja tal-kompjuter u l-Internet, u jsemmi d-drawwiet, iċ-ċelebrazzjonijiet u l-mod ta' għajxien li jiddistingwu ġenerazzjoni minn oħra. Jispikkaw l-aneddoti dwar Roger Moore u l-kanun il-kbir u x'ġara meta daħal jiżfen denfil fil-bajja tar-Rinella.

Minbarra l-qari leġġer tagħhom, dawn l-akkwarelli ħelwin jagħtu lok ukoll għal eżerċizzju komparattiv għal min  - student, għalliem, riċerkatur, storiku, eċċ . - ikun irid jidħol ferm aktar fil-fond tal-istorja tal-Kottonera, l-Kalkara u l-madwar... riflessa wkoll fil-bixra nazzjonali tal-istorja ta' Malta u Għawdex kif rajnieha, u għadna narawha, titkattar mal-milja tas-snin. Għal min jixtieq jordnah:

https://www.bdlbooks.com/history/6711-waqtiet-kalkarizi.html




***IL-LAQMIJIET KARKARIŻI FIL-KULTURA MALTIJA - DIZZJUNARJU* ta' Charles Briffa, Kunsill Lokali Birkirkara, 2018.**

L-għan ta' dan il-ktieb huwa li jipprovdi briġġ bejn ir-riċerka lingwistika u s-soċjetà Karkariża. Il-laqmijiet jitolbu lill-qarrejja li jipproduċu rappreżentazzjonijiet mentali ħa jifhmu lil niesna aħjar: għax il-laqmijiet huma mezz li jwasslu l-esperjenzi ta' dawk li ġew fi żminijiet oħra u li qegħdin fi żmienna wkoll, u hekk l-esperjenza virtwali tagħna tas-soċjetà li qegħdin fiha tespandi. Il-laqmijiet joffrulna l-impressjonijiet ta' x'kienu jħossu u jaħsbu ta' qabilna f'bosta sitwazzjonijiet u żminijiet differenti. Il-kultura tal-laqmijiet tixhed xejriet ta' kooperazzjoni fil-perċezzjoni ta' soċjetà. Għaldaqstant, l-istudju tal-laqmijiet jitlob approwċ interdixxiplinarju għax jinvolvi suġġetti bħall-istorja, is-soċjoloġija, il-psikoloġija, u l-lingwistika. Dawn id-dixxiplini flimkien jagħmlu aktar progress fir-riċerka. Hawnhekk, il-Professur Charles Briffa l-aktar li offra hija analiżi lingwistika; imma jifhem li ħaddieħor (minn oqsma oħra) jista' jibni fuqha. Din hija l-filosofija ewlenija (imma moħbija) wara dan il-volum.




## *L-GĦARQA TA' SAN PAWL F'MALTA - TRADUZZJONI* ta' Rigu Bovingdon, MUP, 2007.

F'dan il-ktejjeb ta' 28 paġna Bovingdon jagħtina traduzzjoni mit-Taljan għall-Malti tal-karme *Il naufragio di San Paola a Malta* ta' Dun Karm Psaila. Fid-Daħla huwa jfakkar li din l-inizzjattiva twieldet meta ġie biex iħejji diskors kommemorattiv li jsir kull sentejn f'isem il-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar, u ried jara fil-fond x'rabta jista' jkun hemm bejn dan ix-xogħol Pawlin u l-poema Dunkarmjana *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* li l-poeta nazzjonali kiteb meta kien iktar matur. Bovingdon jikteb: "Fil-qlib tiegħi mit-Taljan għall-Malti tan-*Naufragio* sibt kotra diffikultajiet", fosthom interpretattivi, sintattiċi, semantiċi, retoriċi u grammatikali; jikteb ukoll li biex iżomm il-preġju tad-diskors antik u minħabba l-ġrajja nnifisha li tirrakkonta avveniment li seħħ żewġ millennji ilu, hu pprefera japplika ċertu vokabularju bil-Malti l-aktar antik. F'dan il-ktejjeb Bovingdon jagħtina t-test oriġinali bit-Taljan fuq il-lemin u t-tradizzjoni għall-Malti tiegħu fuq ix-xellug. Jinkludi wkoll għadd kbir ta' annotamenti f'tarf il-paġna biex il-qarrej jifhem aħjar dan ix-xogħol letterarju mill-isbaħ. Fuq wara jinkludi "Tifsir tekniku miżjud" u biblijografija.




## *LITERATURA FOIRO - KULTURA REVUO EN ESPERANTO*, Esperanto PEN-centro, 2018.

Din hija rivista li ilha toħroġ mill-1970 mill-Koperativa Svizzera LF-koop. Fiha wieħed isib għadd ta' poeżiji kemm oriġinali kif ukoll tradotti għal din il-lingwa, artikli dwar letteratura (f'din l-edizzjoni dwar Dante Alighieri, Nadine Gordimer, fost oħrajn), dwar ċinema (l-40 sena tal-Festival Ċinematografiku tal-Mara), flimkien ma' kummentarji dwar suġġetti diversi, filosofija, rakkont, ħajku u reċensjonijiet dwar kotba li għadhom kemm ġew ippubblikati. Bħal kull rivista, "Literatura Foiro" tiġbor fi ħdanha għadd sabiħ ta' kontributuri mid-dinja kollha, fosthom Carmel Mallia, President tas-Soċjetà Esperantista hawn Malta, li għoġbu jagħmel traduzzjoni għall-Esperanto ta' poeżija miktuba minn Patrick Sammut.




***MITT TALBA* ta' Alfred Palma, 2018.**

**Xi jgħid l-awtur dwat dan il-ktieb tiegħu?**

Sa minn żgħoriti jien dejjem kont konxju minn dak kollu li kont nara madwari: l-art, il-baħar, is-sema... Is-seħer tan-natura kien (u għadu) jgħaxxaqni; u dejjem kont naħseb f'MIN seta' kien qed imexxi dik l-għeġubija kollha. Mit-tagħlim reliġjuż ta' tfuliti sirt naf li konna nsejħulu Alla; iżda dan għalija ma kienx biżżejjed, u mit-tagħlim reliġjuż li ħadt maż-żmien ftit ksibt persważjoni jew tweġibiet konvinċenti għall-mistoqsijiet tiegħi. U bqajt nara assurdità f'dak li kien jissejjaħ talb. Għaliex? Għax kien (u għadu) talb imlissen biss bil-fomm, ripetutament u b'mod mill-aktar monotonu u tedjanti! Talb li kien (u għadu) jingħad bl-impressjoni li r-riptezzjoni *ad nauseam* ta' talba hija talba! Mhux veru! Talb ripetut għandu t-tendenza li jaljena lil dak li jkun mill-istess talb, u t-talb (*sic*) ikun biss ħela ta' ħin. Aħna (u l-ħolqien kollu) imdawrin b'enerġija li nsejħulha Alla, u din l-enerġija irridu nkunu *in-tune* magħha permezz ta' intimità spiritwali li ġġagħal talbna jkun effettiv, jinstema' u jseħħ! U għalhekk bosta talb li ngħidu jibqa' ma jinstemax, għax talb bil-fomm biss ma jinstemax! Il-talb irid isir mill-qalb u bil-qalb, b'konċentrazzjoni spiritwali assoluta u b'rabta sħiħa mal-Enerġija... u talbna mbagħad jinstema'.

Fl-1994 bdejt nikteb talbiet qosra bl-Ingliż forma ta' poeżiji b'erba' versi, biex bihom ninqeda jien, fuq il-linji li fissirt hawn fuq. U t-talb ħadem! Issoktajt nifrex u nwassa' t-talb f'kull sitwazzjoni li l-bniedem żgur li xi darba kien se jkollu jħabbat wiċċu magħha tul il-pellegrinaġġ tiegħu fuq din l-art; ħwejjeġ li eventwalment jitlob u jittama dejjem li talbu jinstema'. Lestejt sewwasew 100 talba minn dawn, u semmejthom *100 Magic Prayers*. Xi xhur wara kkuntattjat lil Finbarr Publications ta' Kent, fl-Ingilterra, u dawn aċċettaw mill-ewwel li jippubblikawli dawn il-mitt talba. Dak iż-żmien kont għadni mimli b'sens ta' avventura, u ma qist xejn li nbieħ il-*copyright* tal-ktejjeb għal somma flus żgħira li ħallsuni Finbarr. U l-ktieb ħareġ u fl-Ingilterra għamel ħoss enormi. Imbagħad fl-1998, fil-Kanada, il-ktejjeb inqaleb bil-Franċiż u ssemma 100 *Prières Magiques*. U mexa sew ukoll bil-Franċiż! Jien naturlament, ma daħħalt xejn minn dan għax, kif għidtlek, kont ċedejt il-*copyright*; iżda s-sodisfazzjoni tiegħi kien wieħed enormi. Il-messaġġ li ridt ngħaddi sa minn dejjem dwar it-talb kien wasal u kien effettiv, kif kont tlabt u ttamajt jien minn qabel.

Intant, maż-żmien komplejt bil-ħidma sfiqa tiegħi fuq bosta xogħlijet letterarji. B'danakollu dejjem baqa' jberren fija l-ħsieb li dawn il-mitt talba xi darba naqlibhom bil-Malti u nippubblikahom f'Malta. U hekku appuntu *Mitt Talba*: xewqa oħra tiegħi mismugħa u maqtugħa!

Sinċerament nittama li min juża dan il-ktejjeb u dawn it-talbiet jifhem sew u fil-fond il-messaġġ veru tat-talb kif fissirtu jien fil-Kelmtejn Qabel. Jifhem li talb li jingħad biss bil-fomm huwa biss ħela ta' ħin. Dawn it-talbiet żgħar u sempliċi għandhom is-seħer tal-inġenwinità, jiftħu l-bieb beraħ għall-konċentrazzjoni spiritwli, jiftħu l-qalb beraħ għall-Enerġija, iwasslu għal konċentrazzjoni spiritwali assoluta, li mingħajrha din l-istess Enerġija ma tagħmel ebda reazzjoni u, aktarx iva milli le, immankabilment twassal biss għall-frustrazzjoni u d-diżillużjoni!




**_FRAMED_ ta' Maria Grech Ganado, Merlin Publishers, 2018.**

Isem Maria Grech Ganado llum jintrabat sewwa mal-qasam tal-poeżija kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. *Framed* jiġbor fih mal-100 kitba, 99 poeżija li jieħdu l-forma ta' vers ħieles, poeproża u ħajku, u rakkont. Din il-ġabra tinqasam fi ħdax-il parti: *Apertures*; *Gallery*; *Family Pictures*; *Further Pictures: friends and landscapes*; *Cameos*; *Old Tales/ New Frames & Other Frames of Mind*; *Words*; *Black Borders*; *Hall of Mirrors*; *Abstracts*; u *Final Frames*. Dawn jifirxu fuq 164 paġna. Il-versi ta' Grech Ganado huma ispirati minn xogħlijiet ta' personalitajiet differenti, fosthom artisti, mużiċisti, fotografi, kittieba, u filosofi, bħal Willie Apap, Verdi, Elena E Giorgi, Emily Bronte, Heidegger, T.S. Eliot, Oscar Wilde, u Shakespeare. Oħrajn huma ddedikati lil membri tal-familja jew ħbieb, filwaqt li versi oħrajn huma dwar l-emarġinati u l-isfortunati li nisimgħu dwarhom fl-aħbarijiet u naraw saħansitra fit-toroq tagħna. Dawn ta' Grech Ganado huma poeżiji li għandhom jinqraw waħda jew tnejn kuljum biex jitgawdew sew mill-qarrej.





Merħba fis-sit il-ġdid tagħna

merlinpublishers.com

20% SKONT* fuq il-kotba kollha

Uża l-kodiċi: ILPONT20

l-offerta tagħlaq 30/10/2018
*l-offerta valida mis-sit biss u bl-użu tal-kodiċi t'hawn fuq